# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-KUMMERC)

## ONOR. IMHALLEF
## IAN SPITERI BAILEY

**Illum il-Gimgha 11 ta' Marzu 2022**

**Kawza Nru. 1**

**Rikors Nru. 246/2018 ISB**

**Av. Jonathan Abela Fiorentino, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 555482(M) bhala mandatarju specjali ta` Avinco Group Holdings N.V., socjeta` estera registrata fil-Curacao bin-numru ta` registrazzjoni 91918**

***vs***

**Eolia Limited (C 31748)**

**DAN HUWA PROVVEDIMENT WARA LI L-KAWZA GIET RIAPPUNTATA IN SEGWITU GHAL RIKORS TAR-RIKORRENT NOE. IN VISTA TA' PROCEDURI KONKLUZI QUDDIEM QORTI DISTRETTWALI TA' AMSTERDAM, L-OLANDA, U WARA ILLI L-ISTESS RIKORRENT NOE. TALAB ILLI L-PROCEDURI ODJERNI JITHALLAW GHALL-PROVVEDIMENT FINALI FILWAQT ILLI S-SOCJETA` INTIMATA TOPPONI GHALIEX TGHID ILLI L-BONA FIDE DISPUTE LI KIENET WASSLET LIL DIN IL-QORTI TIDDIFFERXXI SINE DIE QABEL MA TIGI DECIZA DIN IL-PROCEDURA GHADHA MHIX RIZOLTA**

**Il-Qorti:**

Rat ir-**Rikors** prezentat fil-15 ta` Marzu 2018 li ighid:

> *Illi s-socjeta` intimata Eolia Limited hija socjeta` privata limitata stabbilita taht il-ligijiet ta` Malta u registrata mar-Registratur tal-Kumpanniji fl-ghaxra (10) ta` Lulju tas-sena elfejn u tlieta (2003) bin-numru ta` registrazzjoni C31748 u dan kif jirrizulta mic-Certifikat ta` Registrazzjoni tas-socjeta` intimata mahrug taht l-Att dwar il-Kumpanniji, Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta (kopja hawn annessa u mmarkata bhala "**Dok A"**);*
>
> *Illi s-socjeta` intimata Eolia Limited giet kostitwita bhala kumpannija privata limitata u dan kif inhu konfermat mill-istatut taghha (kopja tal-Memorandum u l-iStatut ta` Assocjazzjoni tas-socjeta` intimata hija hawn annessa u mmarkata bhala "**Dok B**");*
>
> *Illi permezz ta` rizoluzzjoni tal-membri tas-socjeta` intimata mehuda fl-10 ta` Jannar 2011, il-Memorandum ta` Assocjazzjoni tal-istess socjeta` intimata gie sostitwit fl-intier tieghu (kopja hawn annessa u mmarkata "**Dok C**");*
>
> *Illi skond il-Memorandum ta` Assocjazzjoni tas-socjeta` intimata kif sostitwit, senjatament il-klawzola 4(a), jirrizulta illi l-attivita` principali taghha tikkonsisti fis-segwenti:*
>
> *"to purchase, acquire, own, hold, manage, lease, administer, sell or otherwise dispose of property of any kind, whether immovable or movable, personal or real, and whether or not belonging to the Company, and to subscribe for, take, purchase or otherwise acquire, hold, sell or dispose of shares or other interest in or securities of any other company";*
>
> *Illi l-kapital azzjonarju sottoskritt attwali tas-socjeta intimata huwa ta` elf u hames mitt Dollaru Amerikan (USD 1,500), liema kapital huwa maqsum f`elf u hames mitt (1,500) sehem ordinarju ta` valur nominali ta` Dollaru Amerikan (USD 1) kull sehem. Illi l-kapital azzjonarju sottoskritt ta` Eolia Limited gie sottoskritt da parti tal-azzjonisti taghha, in kwantu ghal seba` mija u hamsin (750) sehem ordinarju sottoskritti minn Alastair Clifford Duke, in kwantu ghal tlett mija u hamsa u sebghin (375) sehem ordinarju sottoskritti minn Manfredo Ludovico Manfredi u in kwantu ghall-ishma rimanenti ta` tlett mija u hamsa u sebghin (375) sehem ordinarju sottiskritti minn Ian Richard Whitehall (vide estratt ta` l-Involved Parties tas-socjeta` Eolia Limited mehud minn fuq is-sit elettroniku tar-Registratur tal-Kumpanniji, kopja hawn annessa u mmarkata bhala `**Dok D**`);*
>
> *Illi s-socjeta` rikorrenti Avinco Group Holdings N.V. u s-socjeta` intimata Eolia Limited kienu ffirmaw ftehim bejniethom, fost diversi kuntratti ohrajn fil-kuntest tar-relazzjoni kummercjali ta` bejniethom, imsejjah bhala "Put*

*Option Agreement" datat l-1 ta` Ottubru 2008 (kopja hawn annessa u mmarkata bhala "**Dok E**"). Fost l-ohrajn permezz ta` dan il-ftehim is-socjeta` intimata Eolia Limited tat id-dritt (put option) lis-socjeta` rikorrenti li din tal-ahhar tbiegh, tassenja u titrasferixxi l-ishma kollha taghha fis-socjeta` Avinco Holdings B.V. (socjeta` estera registrata taht il-ligijiet tal-Olanda) u dan ai termini tal-klawzola numru hamsa (5) tal-istess ftehim. Is-socjeta` rikorrenti Avinco Group Holdings N.V. ghandha erbgha u sebghin fil-mija (74%) tal-ishma fis-socjeta` Avinco Holdings B.V., filwaqt li s-socjeta` intimata ghandha r-rimanenti sitta u ghoxrin fil-mija (26%) tal-ishma fis-socjeta` Avinco Holdings B.V.;*

*Illi permezz ta` avviz imsejjah Put Option Exercise Notice datat 30 ta` Gunju 2017, is-socjeta` rikorrenti ezercitat id-dritt taghha tal-put option kif spjegat aktar `il fuq biex b`hekk hija tat avviz formali lis-socjeta` intimata li s-socjeta` rikorrenti kienet qieghdha tezercita tali dritt. Konsegwentement, is-socjeta` intimata kienet fl-obbligu li tixtri u takkwista l-ishma li s-socjeta` rikorrenti ghandha fis-socjeta` Avinco Holdings B.V. u dan skond it-termini miftiehma;*

*Illi sussegwentement permezz ta` avviz iehor imsejjah Purchase Price Calculation Notice datat 19 ta` Settembru 2017 (kopja hawn annessa u mmarkata "**Dok F**"), is-socjeta` rikorrenti tat avviz formali lis-socjeta` intimata in konnessjoni mal-kalkolu tal-prezz tat-trasferiment tal-ishma fis-socjeta` Avinco Holdings B.V. u dan dejjem skond it-termini miftiehma fil-Put Option Agreement. Skond tali kalkoli, il-prezz tat-trasferiment jammonta ghal tlettax-il miljun seba` mija sitta u hamsin elf mija u erbgha u hamsin ewro u sebgha u disghin centezmu (€13,756,154.97);*

*Illi dan l-ammont, rapprezentanti l-konsiderazzjoni tat-trasferiment tal-ishma, kellu jithallas mis-socjeta` intimata Eolia Limited lis-socjeta` rikorrenti Avinco Group Holdings N.V. billi l-imsemmi ammont jigi trasferit fil-kont bankarju tan-Nutar certu Mr A.J. Wiggers gurnata qabel it-30 ta` Settembru 2017, li kienet il-gurnata li fiha l-put option (ossija t-trasferiment tal-ishma favur is-socjeta` intimata Eolia Limited, jew socjeta` jew persuna ohra indikata mill-istess Eolia Limited ghal dan il-ghan) kellu jigi kompletat, u dan kollu kif miftiehem bejn il-partijiet;*

*Illi s-socjeta` intimata Eolia Limited naqset mill-obbligi taghha assunti minnha skond il-Put Option Agreement u effettivament naqset milli titrasferixxi l-ammont fuq imsemmi rapprezentanti l-konsiderazzjoni tat-trasferiment tal-ishma. Fil-fatt, permezz ta` avviz imsejjah Notice of Default datat 20 ta` Ottubru 2017 (kopja hawn annessa u mmarkata "**Dok G**") mibghut mis-socjeta` rikorrenti Avinco Group Holdings N.V. lis-socjeta` intimata Eolia Limited, is-socjeta` rikorrenti formalment infurmat lis-socjeta` intimata b`dan in-nuqqas taghha, li jikkostitwixxi ksur tal-ftehim imsemmi. Inoltri, is-socjeta` rikorrenti innutat li s-socjeta` intimata Eolia Limited mhijiex*

*f`posizzjoni li thallas id-djun taghha, filwaqt li interpellatha sabiex thallas l-ammont dovut sal-31 ta` Ottubru 2017. Minkejja dan, is-socjeta` intimata baqghet inadempjenti;*

*Illi jidher li l-qaghda finanzjarja tas-socjeta` intimata hija wahda prekarja u dan ghaliex l-istess socjeta` intimata waqghet f`sitwazzjoni irreparabbli fejn effettivament ma tistax thallas id-djun taghha. Dan jidher car mill-ahhar kontijiet annwali tal-kumpannija ghas-sena finanzjarja li ghalqet fil-31 ta` Dicembru 2014 (kopja hawn annessa u mmarkata "**Dok H**"), li huma l-aktar kontijiet annwali ricenti li gew sottomessi mis-socjeta` intimata mar-Registratur tal-Kumpanniji ai termini tal-ligi. Fil-fatt jidher li l-qaghda finanzjarja tas-socjeta` intimata kompliet tmur ghall-aghar f`dawn l-ahhar snin billi hija naqset milli tippubblika Annual Reports u Audited Financial Statements ghas-sena elfejn u hmistax (2015) u s-snin ta` wara;*

*Illi in vista ta` din is-sitwazzjoni, is-socjeta` rikorrenti qed titlob ix-xoljiment u l-istralc konsegwenzjali tas-socjeta` intimata minn dina l-Onorabbli Qorti skond is-subparagrafu (ii) tal-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) tal-artikolu 214 tal-Att Dwar Il-Kumpanniji (Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta` Malta).*

*Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq moghtija, is-socjeta` rikorrenti Avinco Group Holdings N.V. titlob umilment u bir-rispett li, prevja kwalunkwé dikjarazzjoni ohra xierqa, necessarja u opportuna, din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

*1. Tiddikjara u tordna x-xoljiment u l-konsegwenzjali stralc tas-socjeta` intimata Eolia Limited (C31748) skond is-subparagrafu (ii) tal-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) tal-artikolu 214 u s-subparagrafu (b) tas-subartikolu (5) tal-artikolu 214 tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta.*

*2. Tordna l-istralc mill-Qorti tas-socjeta` intimata Eolia Limited (C31748) skond id-disposizzjonijiet tas-Sub-Titolu I tat-Titolu II tat-Taqsima V tal-Att dwar il-Kumpanniji (Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta).*

*3. Tordna n-notifika tar-Rikors Promotur lir-Registratur tal-Kumpanniji skond is-Sub-Artikolu 8 tal-Artikolu 218 tal- Att Dwar Il-Kumpanniji (Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta` Malta).*

*4. Taghti kull provvediment li jidhrilha xieraq u opportun.*

Rat id-dokumenti li kienu prezentati mar-rikors promotur.

Rat ir-**Risposta** tas-socjeta` intimata tal-24 ta` April 2018 li tghid:

*1. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet illi gejjin, l-Avukat Jonathan Abela Fiorentino ghandu jipproduci kopja vera tal-prokura mahruga favurih minn Avinco Group Holdings N.V. (`**AGH**`) u wkoll kopja vera tar-rizoluzzjoni mahruga mill-organu kompetenti ta` AGH, li tawtorizza l-istess, b`mod partikolari in vista tal-fatt illi AGH hija kumpannija registrata gewwa l- Curaçao, pajjiz terz illi mhux Stat Membru tal-Unjoni Ewropeau ghalhekk hemm bzonn ta` hatra valida tal-mandatarju specjali skont il-ligi;*

*2. Illi, wkoll preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti AGH m`ghandiex l-interess guridiku necessarju sabiex tressaq din il-kawza u dan ghaliex ir-rikorrenti AGH ma setghetx, propju mit-30 ta` Gunju 2017, tezercita ebda drittijiet taht il-Put Option Agreement datat l-1 t`Ottubru 2008. Fil-fatt, meta l-Put Option gie skattat u anke meta intbaghtet l-Purchase Price Notice, AGH ma kellha ebda ishma f`Avinco Holding N.V., izda kien is-Sur Marc Molhuysen illi kellu l-ishma bhala kuratur mahtur mill-Amsterdam Court of Appeal (Enterprise Division) fis-6 ta` Dicembru 2016 (ara hawn annessa ma din ir-risposta kopja tad-decizjonijiet mmarkata bhala `**Dokument EL1**`). Ghalkemm huwa minnu illi f`Ottubru 2017 il-hatra ta` Marc Molhuysen bhala kuratur tal-imsemmija ishma skadiet, fl-20 ta` Frar 2018 Marc Molhuysen rega gie mahtur mil-Amsterdam District Court sabiex izomm temporanjament l-istess ishma f`Avinco Holding B.V illi qabel kienu ta` AGH (ara hawn annessa ma din ir-risposta kopja tad-decizjoni mmarkata bhala `**Dokument EL2**`). Din il-kawza illi tressqet fil-15 ta` Marzu 2018, se mai kellha tigi mressqa minn Marc Molhuysen u mhux mis-socjeta` rikorrenti AGH jew almenu minn AGH flimkien ma` Marc Molhuysen;*

*3. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet mressqa mis-socjeta` rikorrenti AGH huma infondati fil-fatt u fid-dritt, b`mod partikolari ghaliex ir-rikors kif imressaq ma jissodisfax ir-rekwiziti tal-Artikolu 214(2)(a)(ii) tal-Att Dwar il-Kumpanniji;*

*4. Illi l-ewwel u qabel kollox, u ghall-beneficcju ta` din l-Onorabbli Qorti, dawn il-proceduri jittrattaw ishma illi kienu originarjament tas-socjeta` attrici AGH, izda issa 74% tal-ishma huma mizmuma minn Marc Molhuysen bhala l-kuratur mahtur mill-qrati Olandizi u 26% tal-ishma huma mizmuma mis-socjeta` intimata f` kumpannija Olandiza bl-isem Avinco Holdings B.V. (ara hawn annessa l-istruttura tal-kumpannija mmarkata bhala `**Dokument EL3**`). Avinco Holdings B.V. hija principalment involuta fin-negozju tal-bejgh ta` helikopters u ajruplani uzati (second-hand) u ghandha zewg sussidjarji: Avinco Ltd (Irlanda) u Avinco Management AG (l-Izvizzera);*

*5. Illi jidher illi s-socjeta` attrici AGH hija proprjeta` tal-familja Al Yousef u sat-28 ta` Dicembru 2006 il-familja Al Yousef kienet l-azzjonista maggoritarja (ghalinqas b`titolu beneficjarju jew xorta ohra) ta` Avinco Holdings B.V. Zewg*

*persuni mil-familja Al Yousef huma involuti f`din l-istorja: Abbas Al Yousef u Saeed Al Yousef (it-tifel ta` Abbas). Fix-xhur qabel it-28 ta` Dicembru 2006, is-socjeta` attrici AGH, is-socjeta` intimata Eolia u/jew terzi ohra kienu f`negozjati sabiex is-socjeta` intimata Eolia tixtri 26% tal-ishma f`Avinco Holdings B.V. minghand AGH. Din it-tranzazzjoni giet konkluza fit-28 ta` Dicembru 2006, izda eventwalment giet ezegwita fl-1 t`Ottubru 2008. Is-socjeta` intimata Eolia dak iz-zmien hallset madwar €19.4m sabiex tixtri 26% tal-ishma f` Avinco Holdings B.V. Fis-sena 2008, is-socjeta` attrici u s-socjeta` intimata dahlu f`numru ta` kuntratti bil-miktub sabiex jirregolaw ir-relazzjoni ta` bejniethom bhala azzjonisti f`Avinco Holdings B.V., u l-ftehim l-aktar importanti kien is-Strategic and Financial Agreement u l-ftehim ancillari l-Put Option Agreement liema gew ezegwiti fl-1 t`Ottubru 2008;*

*6. Illi, wara ftit snin, sar evidenti ghas-socjeta` intimata Eolia illi s-socjeta` attrici AGH, il-familja Al Yousef u/jew terzi kienu zleali fil-konfron ta` Eolia u hbew in-natura vera tal-bejgh ta` 26% tal-ishma f`Avinco Holdings B.V. u dan ghaliex fil-verita kienet tranzazzjoni mhux xierqa xejn bejn il-familja Al Yousef u terzi liema tranzazzjoni hija oggett ta` diversi investigazzjonijiet internazzjonali illi ghadhom pendenti;*

*7. Illi, dawn il-proceduri de quo ghax-xoljiment u l-istralc tas-socjeta` intimata huma ftit mill-hafna proceduri gudizzjarji illi jinsabu pendenti rigward Avinco Holdings B.V. Is-socjeta` intimata Eolia sejra, meta jkun opportun, tressaq quddiem din l-Onorabbli Qorti evidenza cara illi ser turi illi dawn il-proceduri ma huma xejn hlief attentat Makjavelljan iehor minn naha ta` Saeed Al Yousef sabiex jipprova jwaqqa` lil missieru Abbas Al Yousef mill-imperu tieghu u sabiex tigi xolta Avinco Holdings B.V. u ghall-skopijiet ta` gwadann finanzjarju tieghu biss;*

*8. Illi f`dan il-kuntest u ghal ragunijiet specifici illi sejrin jitressqu waqt dawn il-proceduri, qed jigi kontestat il-fatt illi is-socjeta` attrici AGH ezercitat id-drittijiet `taghha` ai termini tal-Put Option Agreement. Is-socjeta` intimata Eolia ghamlet il-pozizzjoni taghha cara diversi drabi bil-miktub mas-socjeta` attrici AGH ghaliex hija tal-fehma illi l-Put Option Agreement ma jistax jigi skattat – u dan kif ser jigi ppruvat ukoll aktar tard waqt dawn il-proceduri. Anke jekk, dato ma non concesso illi s-socjeta` attrici AGH setghet tezercita xi drittijiet taht il-Put Option Agreement, il-prezz innifshu, kif kalkulat fil-Purchase Price Notice, huwa wkoll kontestat, ghaliex fil-verita`, mhux biss il-prezz ghal 74% tal-ishma f`Avinco Holdings B.V. huwa nil, izda s-socjeta` attrici AGH hija wkoll debitrici tas-socjeta` intimata Eolia;*

*9. Illi, is-socjeta` intimata tissottometti illi s-socjeta` attrici AGH ma tikkwalifikax bhala `kreditrici` ghall-finijiet tal-artikolu 218 tal-Att Dwar il-Kumpanniji ghaliex it-talba principali taghha kontra l-intimata hija kontestata. F`dawn ic-cirkostanzi, is-socjeta` attrici m`ghandhiex tithalla tipprocedi b`din il-kawza izda din l-Onorabbli Qorti ghandha tordna illi jibdew il-proceduri sostantivi abbazi tat-talba principali fil-forum adegwat, u cioe` f`Arbitragg u dan ai termini tal-artikolu 26 tal-Put Option Agreement. Huwa car illi s-socjeta` attrici AGH ressqet dawn il-proceduri b`ghaggla b`attentat illi jigi ordnat x-xoljiment u l-istralc tas-socjeta` intimata Eolia ghaliex il-Put Option Agreement gie skattat b`ingann sabiex jigu newtralizzati l-ishma ta` Eolia f` Avinco Holdings B.V.;*

*10. Illi, f`kull kaz u dan minghajr pregudizzju ghas-suespost, sabiex jigi skattat l-Put Option Agreement is-socjeta` intimata Eolia necessarjament tirrikjedi kapital sinifikanti tant illi jkollha tikseb finanzjament. Ebda kumpannija ma ghandha €13,756,154.97 f`assi f`rizerva kapitali, u ghalhekk huwa ragonevoli illi Eolia kellha tikseb finanzjament sabiex thallas dan l-ammont, kif fil-fatt ghamlet fil-bidu nett meta kisbet 26% tal-ishma f`Avinco Holdings B.V. lura fis-sena 2006;*

*11. Illi, aktar minn hekk, anke jekk id-debitu tas-socjeta` intimata Eolia (kemm jekk wiehed jinkludi t-talbiet imressqa mis-socjeta` attrici jew le) jeccedi l-assi, mhux necessarjament jaghti lok ghax-xoljiment u l-istralc taghha. Din l-Onorabbli Qorti ghandha d-diskrezzjoni taht artikolu 214(2)(a)(ii), u fil-kuntest ta` dawn il-proceduri, huwa bil-wisq car ghas-socjeta` intimata Eolia illi ma hemm ebda raguni valida sabiex it-talbiet tas-socjeta` attrici AGH jintlaqghu gialadarba hemm mankanti sentenza jew lodo arbitrali definittiv u finali illi jikkonfermaw il-pretensjonijiet imressqa mis-socjeta` attrici AGH f`din il-kawza. Ghandu jinghad ukoll illi l-involviment tas-socjeta` intimata Eolia f`Avinco hija wahda mid-diversi negozji taghha u minghajr ebda dubju Eolia ghadha attiva kummercjalment;*

*12. Illi, ghal kull buon fini, l-annual reports u l-audited financial statements tas-socjeta` intimata Eolia ghas-sena finanzjarja li ghalqet fl-2015 gew sottomessi mar-Registru tal-Kumpanniji fit-8 ta` Marzu 2018 u gew debitament registrati u ippublikati fuq is-sit elettroniku tar-Registru fit-13 ta` Marzu 2018, jigifieri, jumejn qabel ma gew imressqa dawn il-proceduri. Ir-rapporti annwali u d-dikjarazzjonijiet finanzjarji awditjati ghas-sena finanzjarja li ghalqet fl-2016 ser ukoll jigu mfassla u debitament ipprezentati mar-Registru tal-Kumpanniji fix-xhur li gejjin u certament, il-fatt illi dawn ghadhom ma gewx ipprezentati ma jaghtix bazi illi fuqha din l-Onorabbli Qorti tista` tilqa` t-talbiet tas-socjeta` attrici taht artikolu 214(2)(a)(ii) tal-Att Dwar il-Kumpanniji;*

*GHALDAQSTANT in vista tas-suespost u salv eccezzjonijiet ulterjuri skont il-ligi illi jistghu jitressqu, is-socjeta` intimata Eolia umilment titlob lil din l-*

> *Onorabbli Qorti tirrespingi t-talbiet kollha tas-socjeta` attrici Avinco Group Holdings N.V mressqa fir-rikors tal-15 ta` Marzu 2018, bl-ispejjez.*

Rat id-dokumenti li kienu esebiti mar-risposta.

Semghet ix-xhieda u rat il-provi l-ohra li tressqu fil-kors tal-kawza.

Rat illi fl-udjenza tal-11 ta' Ottubru 2018, ir-rikorrent noe. iddikjara illi salv ghal prezentata ta' l-original ta' affidavit gja mressaq (li fil-fatt gie pprezentat), huwa ma kellux aktar provi xi jressaq.

Rat illi fl-udjenza tas-27 ta' Novembru 2018 is-socjeta` intimata ddikjarat illi ma kelliex aktar provi x'tipproduci.

Rat il-provvediment ta' din l-istess Qorti diversament preseduta tat-13 ta' Lulju 2020.

Semghet is-sottomissjonijiet tad-difensuri maghmula fl-udjenza tas-6 ta' Dicembru 2021 in segwitu ghar-riappuntament tal-proceduri odjerni.

Rat illi l-kawza thalliet ghal provvediment ghal-lum.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

**Ikkunsidrat**:

Illi llum din il-Qorti trid tiddeciedi dwar jekk ghadux jezisti il-*bona fide dispute* illi wassal lil din il-Qorti taghti l-provvediment taghha tat-13 ta' Lulju 2020, u jekk fl-affermattiv, din il-Qorti ghandiex tissopprassjedi jew addirittura tichad it-talbiet tar-rikorrenti, jew jekk fin-negattiv, ghandiex din il-Qorti tiddikjara illi hemm ragunijiet skond il-ligi biex il-kumpannija intimata tigi dikjarata xjolta u titqieghed fi stralc.

Illi bil-provvediment taghha tat-**<u>13 ta' Lulju 2020</u>**, din il-Qorti kienet ddikjarat ruha billi:

> ***Tichad l-ewwel (1) u t-tieni (2) eccezzjonijiet preliminari.***
>
> ***Tiddikjara li mhijiex sejra tipprovdi dwar il-mertu tat-talbiet tar-rikorrent noe kif dedotti, sakemm il-proceduri gudizzjarji li, fil-mori ta` din il-kawza, kienu istitwiti mill-kumpannija ntimata fil-qrati tal-Olanda jghaddu in gudikat.***
>
> ***Ghalhekk il-Qorti qeghda thalli din il-kawza sine die, riappuntabbli skont l-Art. 964 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta b`effett mid-data li fiha l-proceduri gudizzjarji li fil-mori ta` din il-kawza kienu istitwiti mill-kumpannija ntimata fil-qrati tal-Olanda jghaddu in gudikat.***
>
> ***Spejjez riservati.***

Illi l-proceduri mehuda fl-Olanda kif hawn fuq msemmi issa ghaddew in gudikat, u dwar dan ma jidhirx illi hemm konstestazzjoni bejn il-partijiet. Il-Qorti giet anke provduta b'kopja tad-decizjoni tal-*Amsterdam District Court* tal-15 ta' Settembru 2021 (DOK JAF3) u tradotta fl-Ingliz (DOK JAF4), fir-rigward ta' liema kif hemm qbil bejn id-difensuri tal-partijiet illi ma kiex necessarju illi tigi esebita kopja legali tal-istess decizjoni.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi din il-Qorti, anke jekk diversament preseduta, gja ghamlet apprezzament tal-provi mressqa mill-partijiet fil-provvediment taghha tat-13 ta' Lulju 2020 u f'dan il-kuntest, ghal finijiet ta' dan il-provvediment odjern, il-Qorti kif issa preseduta mhux ser tiddisturba dak l-apprezzament safejn applikabbli ghal dan il-provvediment, ghajr ghall-fatt illi ser tiehu konjizzjoni ta' provi godda illi setghu tressqu wara dak il-provvediment msemmi u li jistghu huma rilevanti ghall-provvediment odjern u tikkonsidra l-provi mressqa, jekk ikun il-kaz, sabiex tiddeciedi l-mertu tal-vertenza bejn il-partijiet kif impostata fir-rikors promotur u kif tilqa' ghalih is-socjeta` intimata fir-risposta taghha.

Fil-provvediment taghha tat-13 ta' Lulju 2020, din il-Qorti ghamlet is-segwenti apprezzament tal-provi mressqa:

***II. <u>Provi</u>***

*Fis-16 ta` Gunju 2008, is-socjeta` rikorrenti Avinco Group Holdings N.V ("**<u>AGH</u>**") u s-socjeta` intimata Eolia Limited ("**<u>Eolia</u>**") ghamlu arrangamenti bejniethom dwar il-konduzzjoni tan-negozju. AGH u Eolia huma l-azzjonisti ta` Avinco Holdings BV; AGH hija azzjonista bi kwota ta` 74% tal-ishma waqt li Eolia ghandha 26% tal-ishma.*

*Fl-1 ta` Ottubru 2008, AGH u Eolia ghamlu diversi ftehim bejniethom sabiex jirregolaw in-negozju ta` bejniethom: Strategic and Financial Agreement, Operational Agreement u Profit Sharing Agreement. B`rabta ma` dawn it-tlett ftehim, fl-istess jum, l-azzjonisti ghamlu ftehim separat li fejn taw il-kunsens taghhom ghal dawk il-ftehim. Ghamlu wkoll ftehim imsejjah Put Out Agreement[1] li permezz tieghu Eolia tat id-dritt lil AGH li tbiegh, tassenja u tittrasferixxi l-ishma kollha taghha fis-socjeta` Avinco Holdings B.V. Anke dan il-ftehim sar fl-1 ta` Ottubru 2008.*

[1] Dok. E a fol. 31 et seq tal-process.

*Permezz ta` avviz tat-30 ta` Gunju 2017, imsejjah Put Option Exercise Notice, AGV avzat formalment lil Eolia li kienet qeghda tezercita d-dritt taghha skont il-Put Option Agreement. Eolia kienet ghalhekk obbligata tixtri u takkwista l-ishma ta` AGH f`Avinco Holdings B.V.*

*B`avviz imsejjah Purchase Price Calculation Notice*[2] *tad-19 ta` Settembru 2017 AGH tat avviz formali dwar il-prezz tal-ishma. Mid-dokumenti esebiti jirrizulta li l-prezz tal-ishma kien jammonta ghal €13,756,154.97.*

*Eolia baqghet ma hallsitx il-prezz tal-ishma.*

*Dan il-fatt wassal lil AGH sabiex fl-20 ta` Ottubru 2017 tibghat Notice of Default*[3] *lil Eoila.*

*Xehed* ***Francois Chesnay***[4] *("**Chesnay**")*

*Dan ghandu diversi kwalifiki akkademici ta` livell gholi bhala Accountant. Iservi wkoll bhala direttur f`Jersey u fil-Cayman Islands. Beda l-karriera tieghu fl-1998 u serva f`diversi karigi sakemm f`Gunju 2013 beda jokkupa l-kariga ta` non-executive director u independent management consultant. Bejn Gunju 2013 u Jannar 2018 serva bhala konsulent tal-familja Yousef.*

*Xehed illi l-familja Yousef kienet qeghda tiffaccja sitwazzjoni ta` falliment wara li Abbas Yousef safa` defrodat f`somma ta` bejn US$ 48 miljun u US$ 61 miljun. Il-frodi li garrab Abbas Yousef kienet marbuta ma` varji incidenti. Incident saljenti kien dak marbut ma` meta Abbas Yousef kien qieghed jigri wara t-tezor tad-defunt Robert Guei, President tar-Repubblika ta` l-Ivory Coast. Dan it-tezor kien jammonta ghal US$ 275 miljun liema somma kienet allegatament depozitata mal-Bank Centrali tar-Repubblika ta` Togo. Incident iehor kien dak marbut ma` meta Abbas Yousef kien qieghed jigri wkoll wara t-tezor ta` Taha Abu li kien General mill-Iraq li kien qrib hafna ta` l-President Saddam Hussein. It-tezor ta` Taha Abu kien allegatament mohbi fil-Ghana. Dawn il-kazi qeghdu sejrament fid-dubju l-kapacita` mentali ta` Abbas Yousef tant illi fid-29 ta` Mejju 2018 inhareg rapport mediku fejn inghad li Yousef Abbas kien jehtieg protezzjoni. Intant bdew proceduri dwar il-kapacita` mentali ta` Abbas Yousef.*

*Chesnay kompla jixhed illi fuq struzzjonijiet ta` Abbas Yousef, f`Jannar 2016*[5] *huwa kien inkarikat sabiex flimkien ma` Saeed Yousef iservi bhala*

---

[2] Dok. F a fol. 35 et seq tal-process.
[3] Dok. G a fol. 36 et seq tal-process.
[4] Ara l-affidavit esebit bhala `Dok. AGH 1` a fol. 91 sa 93 tal-process.
[5] Ara `Dok. AGH 5` li huwa Kopja ta` Minuti ta` Laqgha Generali Straordinarja ta` Avinco Group Holdings N.V. tal-11 ta` Jannar 2016 fejn Saeed Al-Yousif u Francois Chesnay gew appuntanti Managing Directors fi hdan l-istess socjeta`.

*direttur ta` Avinco Group Holdings NV li hija kumpanija registrata fi Curacao. L-inkariku tieghu intemm f`Jannar 2018. Minn dakinhar huwa qata` kull kuntatt mal-familja Yousef u l-kumpanniji kollha ta` dik il-familja.*

*Kompla jixhed illi f`Jannar 2016, hu flimkien ma` Saeed Yousef u Philippe de Bondy iltaqghu Parigi ma` Ian Whitehall (li huwa avukat) u ma` Alastair (Cliff) Duke li kienu qeghdin jirrapprezentaw lil Eolia Limited. Waqt din il-laqgha, Whitehall u Duke qalu li l-ftehim li sar bejn Eolia Limited u Avinco Group Holdings N.V. dwar ix-xiri ta` ishma fl-Avinco Holdings BV kien dubjuz u li l-qligh minn dik it-transazzjoni serva sabiex in parte jiffacilita pagament li minnu kellha tibbenefika l-kumpannija Airbus. Whitehall kien qal li Cliff talab prezz gholi ghall-ishma u dan sabiex il-pagament jaghmel tajjeb ghas-silenzju ta` Cliff dwar it-transazzjoni. Whitehall allega li Abbas Yousef, missier Saeed Yousef, kien parti minn din it-transazzjoni li kienet organizzata minn Airbus.*

*Saeed Yousef u Chesnay qiesu din l-informazzjoni moghtija minn Whitehall bhala theddida u rrifjutaw illi jidhlu f`negozjati ma` Eoila. Minflok taw bidu ghal compliance and regulatory investigation li kellha twassal ghal investigazzjoni mis-Serious Fraud Office u Parquet Financier dwar allegat frodi, hasil ta` flus u korruzzjoni.*

*Chesnay ighid li t-transazzjoni dwar il-bejgh tal-ishma kienet giet abbozzata bejn l-2006 u l-2008 minn Whitehall stess li dak iz-zmien kien jahdem bhala avukat mad-ditta Burges Salmon LLP. Whitehall sar ufficjalment sieheb ta` Eolia fis-sajf tal-2015 wara li temm ir-relazzjoni tieghu ma` Burges Salmon LLP. Fl-2016 Whitehall u Duke insistew li jiltaqghu personalment ma` Saeed Yousef u mieghu ghaliex li ma kinux komdi jiddiskutu kwistjonijiet finanzjarji permezz ta` video-conferencing jew waqt telefonati.*

*Fi sfond ta` allegazzjonijiet ta` natura kriminali, kien evitat kull kuntatt ma` Whitehall u mal-bqija tal-persuni nvoluti fit-tmexxija ta` Eolia. Dan issarraf f`persekuzzjoni shiha ghaliex ma ridux jidhlu f`negozjati ma` Eoila.*

*Chesnay ighid li fl-isfond tal-investigazzjoni u l-kaz li nstema` minn Qorti gewwa Amsterdam, sar maghruf illi kien hemm kaz ta` frodi, hasil ta` flus u korruzzjoni ta` ufficjal pubbliku min-naha ta` Eolia.*

***Saeed Abbas Ebraheem Yousif Al Yousif** (“**Al Yousif**”) xehed illi huwa beda jahdem ma` misseru Abbas fl-2008.*

*Xehed illi huwa sab li fl-Afrika kienu qeghdin jitmexxew skemi frawdolenti li fihom inqabad missieru; dan bejn l-2008 u l-2012.*

*Qal li missieru safa` defrawdat mill-ammont ta` US$ 48 miljun meta kien qieghed ifittex it-tezor mitluf tal-President tal-Ivory Coast Robert Guei. Tilef ukoll is-somma ta` US$ 275 miljun meta kien qed ifittex it-tezor ta` l-President Saddam Hussein li allegatament kien mizmum fil-Bank Centrali ta` Togo, u s-somma ta` $1.6 biljun f`deheb mizmum fl-ajruport ta` Accra fil-Ghana.*

*Dawn l-istejjer kienu riportati fl-ahbarijiet kemm fi Franza kif ukoll fil-pajjizi Ewropej.*

*Xehed illi fl-2006 missieru ddecieda li jinvesti parti sostanzjali mill-patrimonju tal-familja sabiex jibda progett ta` thaffir u esplorazzjoni ghaz-zejt u gas. Ghal dan il-ghan kienu kostitwiti Pilatus Energy AG u Pilatus Resources AG. Il-familja ma kelliex gharfien jew esperjenza tas-settur. Lanqas ma kellha l-kapacita` finanzjarja sabiex tkompli dan il-progett. Konsegwenza ta` dan Pilatus Resources AG ghaddiet minn proceduri ta` likwidazzjoni waqt li Pilatus Energy AG tinsab fi stat ta` insolvenza. Iz-zewg kumpanniji tilfu l-kapital kollu li kien gie nvestit fihom u li kien jammonta ghal US$ 63 miljun. Missieru qed isofri minn mard mentali u konsegwenza ta` dan kien qieghed jiehu decizjoni zbaljata, wahda wara l-ohra.*

*Stqarr illi f`Jannar 2016 huwa sar direttur ta` Avinco Group Holdings NV. Is-sitwazzjoni kkomplikat ruhha meta fi Frar 2016 Eolia talbet il-hlas ghall-bejgh tal-ishma. Eolia kienet taf li t-transazzjoni kienet suspettuza. Fil-fatt Eolia kienet irceviet hlas fl-ammont ta` US$ 14 -il miljun minghand Airbus ghas-servizzi taghha. Meta Airbus waqfet thallas, Eolia talbet lil Airbus sabiex thallasha ghas-saldu. Fl-istess waqt ippruvat tithallas minghand missieru wkoll. Eolia ghamlet dak il-pass biex tittanta tiehu vantagg mis-sitwazzjoni ta` s-sahha mentali li kien jinsab fiha missieru.*

*Stqarr illi permezz tal-ftehim azzjonarju (Put Out Option) bejn Avinco Group Holdings NV u Eolia Limited, Avinco Group Holdings NV kellha l-fakolta` li ggieghel lil Eolia Limited tixtri s-sehem ta` 74% tal-ishma f`Avinco Holdings BV. Dan il-ftehim twettaq fit-30 ta` Gunju 2017 izda Eolia rrifjutat illi thallas ghax-xiri tal-ishma.*

*Kompla stqarr li l-allegazzjonijiet ta` Eolia huma nfondanti primarjament ghaliex missieru jaqbel mal-Put Out Option.*

*Ipprezenta dokument datat 4 ta` Settembru 2018 mibghut minn Abbas Al-Yousef lill-avukati tieghu Tom u Dirk de Waard fl-Olanda fejn ikkonferma l-accettazzjoni tieghu ghall-Put Out Agreement[6].*

---

[6] Ara Dok. AGH 15 a fol. 211 u 212 tal-process.

*Xehed illi l-kuratur kien mahtur sabiex ihares l-ishma ta` Avinco Holdings BV irrizenja, u ghalhekk l-ishma kienu proprjeta` ta` Avinco Group Holdings. Fi kwalunkwe kaz il-kuratur iffirma d-dokument dwar l-ezekuzzjoni tal-Put Out.*

***Philippe de Bondy*** *("**de Bondy**") xehed illi fl-24 ta` Frar 2016 kien prezenti ghal inkontru li ghalih kienu prezenti Saeed Al-Yousef u Francois Chesnay, flimkien mar-rapprezentanti ta` Eoilia Limited, li kienu Cliff Duke u Ian Whitehall.*

*Waqt il-laqgha Chesnay qal li kien ser jiehu hsieb li jsir il-pagament tal-ammont li kien ghadu pendenti ghall-akkwist ta` l-ishma ta` Eolia f`Avinco. Il-hlas totali kien fl-ammont ta` €3 miljun. Whitehall wiegeb li Duke kellu pjanijiet ohra f`mohhu. Duke qal li Eolia kienet hallset €20 miljun ghall-akkwist tal-ishma f`Avinco u li ghalhekk il-prezz tal-bejgh tal-ishma ma kienx wiehed sodisfacenti.*

*Kienu prezentati dokumenti mir-rikorrenti.*

*Fost dawn id-dokumenti kien prezentat artikolu li deher fil-gurnal The Guardian fil-harga tat-18 ta` Settembru 2017[7].*

*Kienet esebita wkoll kopja ta` rapport Compliance and Forensic Review[8].*

*Dan ir-rapport, li kien gie ukoll esebit fl-atti tal-proceduri fil-qrati Olandizi jaghti hjiel dwar kif: "Airbus` subsidiary. Projic 9 SAS, other Airbus` entities and Airbus` special purpose vehicles (Eolia and Avinco) have been used to allegedly facilitate Money Laundering, Bribery and Corruption activities. The issue was detected with the appointment of new directors for Avinco Group Holdings N.V. in early 2016."*

*Fis-27 ta` Ottubru 2017 AGH kitbet lil Eolia fejn talbet spjegazzjoni dwar l-involviment ta` Eolia ma` Airbus.*

***Waldemar Van Der Veen*** *("**Van Der Veen**") rapprezentant ta` Eolia fid-diversi proceduri legali fil-qrati l-Olanda xehed li dawk il-proceduri bdew f`Ottubru 2016. Dak iz-zmien kien hemm zewg kwistjonijiet pendenti. Eolia qua azzjonista minoritarja kienet tinsab f`dizgwid ma` AGH qua azzjonista maggoritarja. Il-kwistjoni nqalghet meta Chesnay u Al-Yousif gabu ghall-attenzjoni ta` Eolia informazzjoni dwar it-transazzjoni li kienet saret fl-2008. Wara dakinhar dawk irrifjutaw li jiltaqghu sabiex jaghtu aktar informazzjoni. Din is-sitwazzjoni gabet lil Eolia fil-punt li kellha titlob li tinzamm laqgha tal-*

---

[7] Dok. AGH 16 a fol. 213 et seq. tal-process.
[8] Dok. AGH 17 a fol. 215 et seq. tal-process.

*bord sabiex tkun diskussa l-kwistjoni. Gara pero` li Chesnay u Al-Yousif uzaw dik il-laqgha sabiex jitolbu x-xoljiment ta` Eolia bil-ghan illi l-profitti kollha li ghamlet Avinco Group B.V. ighaddu ghand AGH. Gara wkoll illi waqt dik il-laqgha Chesnay u Al-Yousif ipprezentaw ruhhom bhala rapprezentanti ta` AGH. Madanakollu waqt il-laqgha deher illi Chesnay u Al-Yousif kienu hadu kontroll ta` AGH f`tentattiv li jwarrbu mit-tmexxija lil Abaas Al-Yousif. Il-laqgha kienet kaotika u kienet konkluza fuq nota li ma seta jsir xejn sakemm ikun maghruf min tassew kellu t-tmexxija ta` AGH.*

*Stqarr illi konsegwenza ta` dan l-istat ta` incertezza dwar min kien fit-tmexxija ta` AGH, Eolia bdiet proceduri quddiem id-Dutch Enterprise Chamber. Hemm kien dikjarat li ma kienx cert min kellu r-rapprezentanza ta` AGH u ghalhekk bhala rimedju interim hatret lil Mark Molhuysen bhala amministratur tal-ishma li AGH kellha fl-Avinco Group BV. Din id-decizjoni kienet appellata. Bi provvediment li nghata fis-6 ta` Ottubru 2017, il-Qorti tal-Appell ta` Amsterdam cahdet it-talbiet ta` Eolia sabiex issir investigazzjoni dwar it-tmexxija tal-AGH u temmet l-inkarigu ta` Molhuysen[9].*

*Fisser illi r-rwol tal-Enterprise Chamber huwa li jhares it-tmexxija tal-kumpanniji. Fejn jirrizulta li hemm dubji serji dwar it-tmexxija, jista` jordna li tibda investigazzjoni u taghti rimedji interim. F`dan il-kaz inhatar Molhuysen bhala amministratur provvizorju u l-kaz thalla ghal aktar tard fl-2017 sabiex tinstab soluzzjoni. Irrizulta li kien ghad hemm dubji dwar it-tmexxija ghaliex kien hemm diversi kwistjonijiet bejn Abaas u ibnu Saeed, madankollu ma kienx hemm lok ghal investigazzjoni ghaliex il-kwistjonijiet bejn il-missier u l-iben ma kinux materja li kienet taqa` fil-gurisdizzjoni ta` dik il-Qorti. Konsegwentement intemm l-inkarigu ta` Molhuysen u l-ishma marru lura ghand AGH anke jekk ma kienx cert min kellu r-rapprezentanza ta` AGH.*

*Kompla jixhed li aktar tard Al-Yousif agixxa ghan-nom tal-kumpannija u talab lill-Qorti sabiex issejjah laqgha generali biex jinhatar likwidatur maghzul minn Al-Yousif. Eolia ressqet kontrotalba fejn talbet li jerga` jinhatar Molhuysen bhala amministratur tal-ishma ta` AGH. Eolia talbet ukoll li jinhatar direttur indipendenti ghal Avinco billi intant l-amministratur ta` Avinco kien irrizenja. Il-Qorti laqghet it-talbiet ta` Eolia u cahdet dawk ta` AGH. B`hekk Molhuysen rega` nhatar amministratur tal-ishma u certu Stevem inhatar direttur independenti. Stevem wasal ghall-konkluzjoni li minhabba dan id-dizgwid kollu, l-uniku soluzzjoni kellha tkun management buyout. Hekk fil-fatt sar effett ta` sentenza tal-Qorti.*

*Qal li l-hatra ta` Molhuysen kienet intiza sabiex tkun mharsa Avinco Group B.V. fis-sens illi jkun preservat is-shareholding sakemm AGH terga` tibda tiffunzjona korrettement. Bil-provvediment l-ishma ghaddew taht il-kontroll*

[9] Ara Dok. JAF 2 a fol. 425 et seq., Vol. II tal-process.

*u fil-kustodja ta` Molhuysen bil-konsegwenza li AGH ma tistax tesegwixxi l-put out agreement ghax m`ghandiex il-kontroll tal-ishma.*

*Xehed illi l-put option agreement huwa wiehed minn diversi dokumenti li ftehmu dwarhom il-partijiet fl-1 ta` Ottubru 2008. Permezz ta` dak il-ftehim hija AGH illi trid tibda l-process ghall-bejgh tal-ishma. Il-ftehim jirregola kif ghandu jsir it-trasferiment tal-ishma u kif isir il-kalkolu tal-prezz tal-ishma. Dwar il-bejgh tal-ishma kien hemm skambju ta` korrispondenza fejn Eolia kkontestat il-bejgh ghal diversi ragunijiet fosthom il-mod ta` kif sar il-kalkolu tal-prezz tal-ishma[10]. Madankollu, l-akbar kontestazzjoni ta` Eolia kienet dwar il-pozizzjoni ta` Saeed Al-Yousif fin-negozjati.*

*Stqarr illi ghal AGH il-kalkolu tal-prezz tal-ishma kellu jsir skont kif kien patwit fil-put out option agreement li jaghmel referenza ghal profit sharing agreement. Skont il-ftehim il-prezz tal-ishma kellu jammonta ghal somma konsiderevoli. Eolia tqis illi l-put option agreement huwa parti minn ftehim aktar wiesgha li l-validita` tieghu qed jigi kkontestat. Dan ghaliex AGH gibdet l-attenzjoni ta` Eolia ghall-fatt illi hija qatt ma rceviet il-pagament tal-bejgh li saret fis-sena 2008.*

*Qal li fl-ittra tas-16 ta` Lulju 2017[11] mibghutha minn Duke lil Saeed Al-Yousef, Eoila ddikjarat li lura fl-2008 kienet finalizzat il-ftehim u kull ma kien dovut minnha. Inghad ukoll li Eolia kienet sfat imqarrqa sabiex tidhol fil-ftehim bil-konsegwenza li garrbet danni kemm finanzjarji kif ukoll ghar-reputazzjoni taghha.*

*Kompla jghid illi din l-allegazzjoni kienet marbuta ma` skandlu kbir ta` korruzzjoni li kien jinvolvi lil Airbus u lil AGH. Dwar dan l-iskandlu kien inkiteb artikolu li deher fil-gurnal Der Spiegel fid-9 ta` Ottubru 2017 bit-titolu "Airbus Corruption Scandal May Lead Straight to the Top"[12]. Deher artikolu iehor fl-istess gurnal fid-19 ta` Ottubru 2017 bit-titolu "Golden Handshake worth 80 million Euros"[13].*

*Zied jghid li Eolia kienet kostitwita minn Airbus.*

*Sal-2008 kienet ghandha parti minn Airbus.*

*Kien biss wara li Eolia saret indipendenti.*

*Kompla jghid illi b`ittra tal-25 ta` Lulju 2017 Abbas Al-Yousif cahad kull allegazzjoni li AGH qatt ingannat jew qarrqet b`Eoila biex tinduciha tidhol fi*

[10] Ara Dok. EL 4 sa EL 8 a fol. 285 tal-process.
[11] Ara Dok. EL 6 a fol. 280, Vol. II tal-process.
[12] Ara Dok. EL 10 a fol. 296 sa 311, Vol. II tal-process.
[13] Ara Dok. EL 11 a fol. 312 sa 316, Vol. II tal-process.

*ftehim. Skont Abbas, l-allegazzjonijiet ma kienu xejn ghajr tentattiv iehor sabiex Eolia tipprova tikseb xi vantagg mid-dizgwid intern li kien hemm f`AGH. Imbaghad f`ittra tat-22 ta` Settembru 2017 id-diretturi ta` Eolia ghamluha cara li Eolia ma kellha thallas xejn ghall-prezz tal-ishma ghaliex il-pretensjonijiet ta` Eoila kontra AGH kienu jissuperaw il-prezz tal-ishma.*

*Stqarr li kienu hemm okkazjonijiet fejn Chesnay u Saeed Al-Yousef accettaw li kien hemm diversi kwistjonijiet dubjuzi. Ghalhekk ma setax jifhem ghaliex kien qed isir tentattiv li jkun enforzat ftehim li kien wiehed minn diversi li saru fl-2008. Minkejja d-divergenza dwar il-prezz, la AGH u lanqas Eolia ma bdew proceduri ghar-rigward.*

***Fil-kontroezami*** *xehed illi ghalkemm huwa minnu li bhala fatt Eolia ffirmat il-ftehim tal-2008, il-kunsens taghha kien ivvizzjat bl- ingann. Kien fil-bidu tal-2016 illi AGH ressqet quddiem Eolia informazzjoni skoncertanti dwar il-ftehim tal-2008. Minn hemm `il quddiem Saeed Al-Yousef u Chesnay irrifjutaw li jitlaqghu ma` Eolia u s-sitwazzjoni pprecipitat b`mod tali li Eolia kellha tirrikorri ghall-intervent tal-qorti. Eolia ma kinitx f`pozizzjoni tiehu passi qabel ghaliex kien biss fl-2016 illi mill-informazzjoni li giet minghand AGH, irrizulta lil Eolia li kien hemm xi haga hazina fil-ftehim tal-2008.*

*Fisser illi qabel Saeed Al-Yousif, il-kumpannija kienet titmexxa minn missieru Abass. Dan kien hatar lil certu Broier sabiex jamministra l-kumpannija. Ma setax ighid jekk Broier kienx inhatar bhala amministratur ghaliex Abass kien afflitt minn problemi ta` sahha mentali. Jaf biss li kien hemm proceduri quddiem il-qrati f`Dubai fejn kien deciz li Abass ma kienx afflitt minn insanita`. Huwa ltaqa` ma` Abass f`zewg okkazjonijiet biss. Abass kien kapaci jsegwi konversazzjoni, kien jaf x`kien qieghed jghid, wiegeb ghall-mistoqsijiet li sarulu, u anke kompla fid-diskussjoni. Ghalih agixxa bhal kull persuna normali.*

*Zied jghid ukoll illi mal-hatra ta` Molhuysen bhala amministratur l-ishma ghaddew ghandu, u ghalhekk legalment AGH ma baqghetx tidher bhala sid tal-ishma. Molhuysen jamministra l-ishma f`isem il-beneficjarji li huma Abbas u Saeed Al-Yousif.*

*Il-hatra ta` Molhuysen bhala amministratur provvizjorju kienet principalment motivata mid-dizgwid bejn Abbas u ibnu Saeed Al-Yousif.*

***Ian Whitehall*** *li huwa avukat li jipprattika fir-Renju Unit xehed illi fl-2004 hadem mill-qrib ma` Cliff Duke fuq progett li kien jinvolvi l-Boeing 747. Dak iz-zmien kien waqqaf is-socjeta` intimata f`Malta sabiex din isservi bhala pjattaforma ghall-progett li kien qieghed jiehu hsiebu Duke. Dak iz-zmien Duke kien jahdem ma` Airbus. Whitehall ha hsieb ihejji l-kuntratti kollha involuti fil-progett. Ighid li kien ta` success kbir.*

*Xehed illi sal-2014 Duke kien il-proprjetarju tal-ishma kollha ta` Eolia kif ukoll l-ultimate benefical owner. Ghazel li jaghmel ristrutturazzjoni tal-kumpannija. Fl-2016 huwa sar direttur u azzjonista b`25% tal-ishma. Fl-istess zmien Ludvic Manfredi sar it-tielet direttur u azzjonista b`25% tal-ihma. Duke baqa` direttur u zamm il-50% tal-ishma.*

*Kompla jixhed illi AGH kienet joint venture ma` Airbus. Kien negozju separat minn dak li solitament kienet involuta fih Eolia. Kien fl-ahhar tal-2006 li Airbus ghazlet li ddahhal lil Eolia fil-joint venture li kellha ma` AGH. Eolia kienet ser isservi sabiex tikkonsolida n-negozju li kien qieghed isir mid-diversi kumpanniji involuti fil-qasam tal-avvjazzjoni.*

*Stqarr illi kien fl-2015 illi t-tmexxija ta` Eolia saret taf x`kien hemm wara l-ftehim li saru fl-2008. Dik is-sena Airbus ipprezentat lil Eolia numru ta` dokumenti sabiex isir il-ftehim. L-istrategic and financial agreement li pprezentat Airbus kien jinkludi fih il-put option agreement dwar il-bejgh tal-ishma. Abbazi tal-informazzjoni li kellha fl-2008, Eolia hadet pozizzjoni fejn qeghda tikkontesta l-validita` tad-dokumentazzjoni kollha li dak iz-zmien wasslet ghall-ftehim. Passi legali kienu ghadhom ma ttiehdux minn Eolia ghaliex garrbet danni konsiderevoli minhabba d-dizgwid li nqala` bejn l-azzjonisti; ghalhekk Eolia trid qabel kollox thares l-interessi taghha. Konsegwenza ta` l-agir ta` Chesnay u Saeed Al-Yousif Eolia spiccat fil-mira ta` skandlu ta` korruzzjoni. Zied jghid illi ghalkemm l-ewwel informazzjoni waslet ghandhom fl-2015, kien biss fl-2017 illi kellhom f`idejhom id-dokumenti. Intant kienu ghaddejjin ukoll negozjati sabiex isir management buyout liema process intemm fid-9 ta` Novembru 2018. Kienu ghaddejin ukoll proceduri legali fil-qrati tal-Olanda. Dawn ic-cirkostanzi zammew lil Eolia lura milli tipprocedi fil-qrati sabiex timpunja l-put out agreement.*

*Xehed illi l-pretensjoni li Eolia hija nsolventi hija dovuta ghall-fatt illi fil-kuntest tad-dizgwid u tal-proceduri legali li fihom kienet involuta Eolia din nefqet hafna flus sabiex tiddefendi l-pozizzjoni taghha. Fl-istess waqt ma kienx hemm zmien bizzejjed sabiex Eolia tattira negozju gdid jew biex imqar tkompli tiffunzjona. Dawn il-proceduri m`huma xejn ghajr tentattiv iehor da parti ta` Saeed Al-Yousif li jkompli bil-pressjoni tieghu fuq Eolia.*

*Kompla jixhed illi jekk jigri li Eolia tkun ordnata thallas il-prezz tal-ishma fl-ammont ta` €40 miljun, allura f`dak il-kaz Eolia m`ghandhiex mnejn thallas dak l-ammont.*

*Stqarr illi minhabba d-dizgwid, Eolia mhijiex tiggenera qligh bizzejjed. Fl-istess waqt ghandha pjani nnovattivi biex terga` taghti hajja lin-negozju taghha. Jekk dawn il-pjani kummercjali jirnexxu allura Eolia terga` tibda*

*tiggenera l-qligh u tkun f`qaghda li thallas, jekk kemm –il darba tkun ordnata mill-qorti sabiex taghmel dan.*

*Sahaq illi Eolia mhix taqbel mal-mod kif il-Put Option Agreement ghandu jinghata effett.*

*Lanqas ma taqbel ma` kif kien determinat il-prezz tal-ishma.*

*Ighid illi l-valur tal-ishma waqa` konsegwenza tal-iskandli li fihom issemmew kemm Eolia kif ukoll AGH.*

*Barra minn hekk hemm lok ghal set off bejn dak dovut lil Eolia minn AGH u l-prezz tal-ishma.*

*Kompla jixhed illi meta saru l-ftehim tal-2008, Eolia ghamlet write-off billi naqqset il-valur tal-assi bi US$ 23 miljun. Peress illi wara sar maghruf illi Eolia kienet indotta b`qerq biex taghmel il-ftehim, Eolia qeghda titlob il-hlas ta` kumpens ghar-write off li kienet ghamlet, apparti l-hlas ta` danni, imghax u spejjez. Li kieku Eolia kellha tkun ikkundannata thallas il-prezz tal-ishma, meqjus dak kollu li Eolia ghandha tithallas minhabba dak li garrbet, jigi li ma thallas xejn, ghax ikollha ssir tpacija skont kif huwa wkoll rifless fl-ittra tat-22 ta` Settembru 2017*[14]*.*

*Dwar il-finanzi ta` Eolia, stqarr illi Eolia kienet ilha mill-2014 f`negozjati ma` Airbus ghar-rigward ta` dejn li sussidjarja ta` Eolia ghandha ma` Airbus. In-negozjati kienu mirati sabiex id-dejn jithallas minn Airbus anke ghaliex dan id-dejn kienet sar minn Airbus meta uzat il-flus sabiex tinvesti f`Avinco. Airbus qatt ma istitwiet proceduri gudizzjarji kontra s-sussidjarja ta` Eolia sabiex tithallas. Da parti taghha Eolia qatt ma ghamlitha ta` garanti fuq id-dejn tas-sussidjarja taghha.*

*Dwar il-laqgha li saret Parigi fl-24 ta` Frar 2016, xehed illi din kienet laqgha kordjali. L-agenda thejjiet minn qabel u kienet cirkolata fost il-membri. L-iskop taghha kien sabiex jigu diskussi varji kwistjonijiet fosthom il-possibilita` tal-bejgh tal-ishma. Il-minuti tal-laqgha*[15] *kienu cirkolati fost il-membri u hadd ma ressaq oggezzjoni ghalihom. Kien biss wara l-laqgha u wara l-informazzjoni li rceviet Eolia li nqala` dizgwid bejn l-azzjonisti.*

*Qal illi meta nhatar Molhuysen bhala amministratur provvizorju dan ma dahalx fil-kwistjoni tal-validita` o meno tal-put option agreement. Molhuysen huwa persuna maghrufa ghall-kapacitajiet tieghu fil-kamp tar-ristrutturazzjoni ta` kumpaniji insolventi. L-iskop ta` Molhuysen kien illi*

[14] Ara Dok. EL 8 a fol. 282 et seq., Vol. II tal-process.
[15] Ara Dok. EL 13 a fol. 327 et seq. Vol. II tal-process.

*jwassal lill-partijiet involuti f`rizoluzzjoni tal-kwistjonijiet pendenti bejniethom. Ghalkemm ghamel kull tentattiv sabiex isib soluzzjoni ghad-dizgwid ma rnexxilux iwassalhom.*

*Sahaq illi ma hemmx ragunijiet li jiggustifikaw ordni ghax-xoljiment u stralc ta` Eolia.*

*Eolia tinsab maqbuda f`xibka ta` relazzjonijiet kummercjali antiki bejn Airbus u AGH.*

*Dan oltre l-fatt li AGH mhijiex kreditrici ta` Eolia.*

*Il-kwistjoni tal-put option agreement hija l-mertu ta` arbitragg fl-Olanda.*

*Kompla jixhed illi Eolia pprezentat il-financial statements taghha ghall-2015 lir-Registatur tal-Kumpanniji. Dawk tal-2016 kienu finalizzati f`Awissu 2018. Dawk tal-2017 ser jigu pprezentanti flimkien mal-financial statements tal-2018.*

*Stqarr illi minhabba l-qaghda finanzjarja taghha Eolia ghazlet li tingagga ditta ta` awdituri zghira sabiex tikkontrolla l-ispejjez.*

***__Fil-kontroezami__**, ikkonferma li Eolia u l-avukati taghha kienu raw id-dokumenti qabel ma gew iffirmati l-ftehim tal-2008 pero` ma kinux involuti fl-abbozzar tal-ftehim.*

*Stqarr illi fiz-zmien tal-ftehim bhala direttur u bhala avukat assista lil Eolia sabiex tidhol fis-share purchase agreement ghall-akkwist ta` ishma f`AGH fi kwota ta` 26%. Il-prezz tal-ishma kien iffissat bejn Airbus u bank Franciz li pprovda l-finanzjament. Eolia qatt ma kienet involuta f`negozjati dwar il-valur tal-ishma li kienet sejra tixtri ghaliex kienet rinfaccjata b`pakkett shih maghmul minn prezz ghall-ishma u dokumentazzjoni relattiva ghall-ftehim. Il-valur tal-ishma dak iz-zmien kien ta` US$ 23 miljun. Dak iz-zmien Eolia sfat vittma ta` qerq. Hadd azzjoni biss wara li saret taf bl-ingann snin wara.*

*Xehed illi in kwantu ghad-dejn tas-sussidjarja ta` Eolia, dan jammonta ghal US$40 miljun. F`Ottubru 2016 Airbus talbet il-hlas ta` dak id-dejn minghand is-sussidjarja ta` Eolia. Il-hlas ta` dan id-dejn ghadu mhux risolt. Airbus qatt ma ressqet proceduri legali ghall-hlas tad-dejn.*

***__Alastair Clifford Duke__** xehed illi huwa kien li waqqaf Eolia. Huwa azzjonista fi kwota ta` 50% kif ukoll wiehed mit-tliet diretturi taghha.*

*Xehed illi kien ilu aktar minn hamsin sena jopera fis-settur tal-aeronawtika. Fl-2003 kien ikkommissjonat minn Airbus sabiex jahdem fuq ridisinjar ta`*

*mudell ta` ajruplan. Minn dak iz-zmien bdiet relazzjoni kummercjali ma` Airbus.*

*Qal illi l-inkwiet ma` Airbus beda meta Eolia bdiet tiskopri li kienet giet ingannata sabiex takkwista sehem ta` 26% mill-ishma ta` Avinco. Aktar ma` Eolia bdiet issir taf x`kienu r-ragunijiet, aktar ir-relazzjoni ma` Airbus bdiet issir ostili.*

*Spjega illi fl-2003 Airbus riedet twaqqaf numru ta` kumpanniji li bhal Eolia kienu nvoluti fil-qasam tal-aeronawtika partikolarment fil-konverzjoni tal-ajruplani. Airbus flimkien ma` Francois Gaultier waqqfu Avinco li kienet qeghda ggib in-negozju. Ghalhekk kien jaghmel sens ghal Eolia li takkwista ishma ta` Avinco. Eolia rat illi kienet ser tikseb vantagg kbir u li eventwalment il-kumpanniji setghu jigu amalgamati. Meta Eolia giet biex tixtri l-ishma ta` Avinco ghamlet write-off ta` US$23 miljun. Wara li Eolia akkwistat l-ishma f`Avinco, baqghet topera indipendentement ghaliex in-negozju li kienet topera fih Eolia kien distint minn dak ta` Avinco. Eolia u Avinco kienu jservu sabiex jghaqqdu n-negozju kollu li kienet taghmel Airbus.*

*Stqarr illi mal-ftehim tal-akkwist ta` l-ishma f`Avinco, kien iffirmat ukoll `Put Option Agreement` li bih Avinco setghet titlob lil Eolia sabiex takkwista l-bqija tal-ishma ta` Avinco fi kwota ta` 73%. Kien iffirmat ukoll Call Option Agreement abbazi ta` liema Eolia setghet titlob li tixtri l-bqija tal-ishma ta` Avinco. Ghalkemm Eolia ppruvat tixtri dawk l-ishma Airbus irrifjutat it-talba ta` Eolia. Minkejja dan id-dizgwid, in-negozju ta` bejn Eolia u Airbus baqa` ghaddej. Eolia sabet klijenti godda sabiex tkompli bin-negozju taghha. Madanakollu l-proceduri li tinsab ghaddejja minnhom Eolia kienu ta` danni konsiderevoli ghaliha kemm ghar-reputazzjoni kif ukoll ghan-negozju taghha.*

*Xehed dwar id-dizgwid bejn Abbas u Saeed Al-Yousef.*

*Fis-16 ta` Jannar 2018 u fl-1 ta` Frar 2018*[16] *Abbas Al-Yousef irrilaxxja dikjarazzjoni fejn fisser fid-dettall id-dizgwid familjari li kien ghaddej ma` ibnu.*

*L-Avinco Group kien kostitwit fl-2014 minn grupp ta` kumpanniji u cioe` : Avinco Group Holdings N.V. (Curacao), Avinco Holdings B.V. (Olanda), Avinco Management AG (Svizzera), Avinco Ltd (Irlanda) u Avinco SAM (Monaco).*

[16] Ara Dok. EL 14 a fol. 330 sa 338, Vol. II. tal-process.

*Abbass Al-Yousef huwa l-ultimate beneficial owner tal-maggior parti tal-kumpanniji li jifformaw l-Avinco Group.*

*Kienet l-intenzjoni ta` Abbass li jintroduci lil ibnu Saeed fin-negozju sabiex eventwalment dan isir is-successur tieghu. Ghalhekk fl-2011 u 2012 ghamel prokura favur ibnu.*

*Saeed u siehbu fin-negozju Francois Chesnay iffalsifikaw il-firma ta` Abbas u appuntaw lilhom infushom f`karigi fil-kumpanniji.*

*Waqt li kienu jokkupaw dawk il-karigi, ghamlu diversi emendi fl-istruttura ta` Avinco Group.*

*Kollox sar minghajr l-gharfien u l-approvazzjoni ta` Abbas.*

*Waqt li kienu qeghdin isiru dawn il-manuvri, Chesnay beda jghaddi lill-fiducjarji, banek, nutara, avukati u msiebha fin-negozju nformazzjoni qarrieqa dwar Abbas u dwar is-sitwazzjoni personali tieghu.*

*Beda jinghad li Abbas kien qieghed isofri minn problemi mentali talment gravi li ma setax aktar jiehu hsieb il-gestjoni tal-patrimonju tieghu. Inghad ukoll illi kien qieghed jiffaccja problemi finanzjarji serji u li kien safa` vittma ta` frodi fl-Afrika.*

*Meta bdiet tintalab informazzjoni dwar fejn seta` jigi kkuntattjat Abbas, beda jinghad li dan ma kienx disponibbli.*

*Il-prokura kienet ritirata fl-2016 konsegwenza ta` dak li Abbas fisser bhala "severe and criminal misconduct" da parti ta` ibnu Saeed.*

*Wara li l-prokura kienet irtirata, Saeed baqa` jagixxi minghajr l-awtorizzazzjoni ta` missieru. Sahansitra ddispona minn assi.*

*Billi baqa` minghajr awtorita` li jagixxi ghan-nom ta` missieru, Saeed beda proceduri quddiem il-Qorti tal-Familja ta` Dubai sabiex missieru Abbas jigi dikjarat mentalment inkapaci li jiggestixxi l-affarijiet tieghu. Abbass qaghad ghal diversi ezamijiet medici li minnhom irrizulta li huwa kien fi stat ta` sahha mentali tajba u ma kienx afflitt minn inkapacita` mentali; ghalhekk seta` jkompli jiggestixxi l-patrimonju tieghu.*

*Qal illi l-agir ta` Saeed Al-Yousef u ta` Francois Chesnay qieghed jigi nvestigat kemm kriminalment kif ukoll civilment. Hemm ukoll proceduri penali pendenti quddiem il-qrati fl-Isvizzera. L-agir ta` Saeed gieghel lil Abbas sabiex jitlob mill-qorti l-ghoti ta`rimedji interim fir-rigward tat-tmexxija ta` Avinco Management AG.*

*Xehed ukoll dwar il-proceduri legali pendenti fl-Olanda.*

*Fid-29 ta` Marzu 2019, u allura fil-mori ta` din il-kawza, Eolia ntavolat proceduri fl-Amsterdam District Court kontra Airbus, AGV, Avinco Holdings B.V. u Projic 9 S.A.S., fejn qeghda tattakka in parte l-validita` tal-Put Option Agreement iffirmat fl-1 ta` Ottubru 2008[17]. Talbet lill-Qorti:*

*"to (1) declare that the 2008-Transaction is partially null and void insofar as it concerns the inflated purchase price and the reward for AGH, (2) declare that Airbus and AGH misrepresented the 2008- Transaction to Eolia, (3) order Airbus and AGH to compensate Eolia for damages and costs it incurred."*

*Fit-23 ta` Ottubru 2019 AGH ipprezenta r-risposta taghha ghall-kawza promossa minn Eolia fejn eccepiet in-nuqqas ta` gurisdizzjoni tal-Amsterdam District Court billi skont l-iStrategic and Financial Agreement u minn dokumenti ohra relatati, kien miftiehem bejn il-partijiet li jkunu l-Qrati Svizzeri li kellu jkollhom gurisdizzjoni esklussiva.*

**Ikkunsidrat:**

<u>Ghadux jezisti l-bona fide dispute li wassal lill-Qorti sabiex tiddiferixxi sine die fit-13 ta' Lulju 2020</u>

Fil-provvediment taghha tat-13 ta' Lulju 2020, meta din il-Qorti hadet konsiderazzjoni tal-proceduri fl-Olanda, illi issa gew mitmuma, intqal proprju hekk:

*Id-dizgwid familjarji gravi li nqala` bejn Abbas Al Yousef, fundatur tal-Avinco Group, u ibnu Saeed Al Yousef, oggettivament qieghed fid-dubju diversi azzjonijiet li ttiehdu minn AGH. Tant hu hekk li kienu promossi proceduri gudizzjarji nkluz investigazzjonijiet dwar il-komportament tad-diretturi Saeed Al Yousef u Francois Chesnay.*

*Mhuwiex kontestat li fil-mori ta` din il-kawza, <u>Eolia ntavolat proceduri gudizzjarji kontra AGH u ohrajn fil-Qrati Olandizi</u>. L-att promotur ta` dik l-azzjoni u d-difiza ghaliha kienu esebiti bhala prova fil-kawza tal-lum. Il-kontestazzjoni ewlenija fil-kawza promossa fl-Olanda hija l-validita` tal-Put Out Agreement ghar-ragunijiet li ghalihom saret referenza aktar kmieni meta saret gabra tax-xiehda li nstemghet fil-kawza tal-lum.*

*Il-Qorti terga` tirreferi ghall-**<u>Art 218(1) tal-Kap 386</u>**.*

[17] Ara Dok. B a fol. 515 sa 565, Vol. II tal-process.

***Fil-kawza odjerna, it-talba ghax-xoljiment u stralc ta` Eolia minn AGH hija kollha kemm hi fondata fuq il-pretensjoni ta` AGH li Eolia hija debitrici taghha naxxenti mill-ftehim li kienu saru fl-2008 fl-ammont u ghar-ragunijiet imfissra aktar kmieni.***

***Anke jekk AGH qeghda tikkontendi li Eolia mhijiex f`qaghda li thallas id-dejn taghha abbazi tal-Art. 214(5)(b) tal-Kap. 386, xorta wahda trid taghmel prova sal-grad rikjest mil-ligi li hija kreditur ta` Eolia, tenut kont tal-fatt li Eolia qeghda tikkontesta fil-qrati Olandizi l-validita` tal-kuntratti li abbazi taghhom AGH qeghda tikkontendi hija kreditur ta` Eolia.***

***Eolia qeghda tikkontesta fil-qrati Olandizi l-pretensjoni li abbazi taghha AGH tikkontesta li hija kreditur taghha. Anke jekk il-kontestazzjoni ta` Eolia qeghda ssir fil-qrati Olandizi, <u>din il-Qorti ma tistax tinjora dak il-procediment</u>.***

*Tajjeb jinghad illi fl-Ingilterra hemm riluttanza da parti tal-qrati li jaghmlu ordni ta` xoljiment u stralc meta jsibu ruhhom rinfaccjati b`dejn which is bona fide disputed. [ara : "**<u>Stonegate Securities Ltd v. Gregory</u>**" (1980) Ch 576 – Court of Appeal].*

*Fl-istess waqt daqstant tajjeb ghandu jigi rilevat illi jrid ikun hemm a **<u>bona fide</u>** dispute.*

***Fil-kaz tal-lum, abbazi tal-provi akkwiziti meqjusa fil-kumpless taghhom, il-Qorti tqis li tissussisti a bona fide dispute. Ladarba l-kuntratti, li <u>abbazi taghhom</u> AGH tikkontendi li hija kreditur ta` Eolia, huma kontestati minn Eolia <u>fl-essenza taghhom</u> quddiem il-qrati Olandizi, din il-Qorti ghandha toqghod lura milli f`dan l-istadju tqis il-mertu tat-talbiet tar-rikorrent noe. <u>Fuq li se jirrizulta mill-process gudizzjarju pendenti quddiem il-qrati Olandizi, imbaghad il-Qorti taghmel il-konsiderazzjonijiet dwar jekk AGH ikollhiex locus standi sabiex tippromwovi l-azzjoni odjerna skont l-Art 218(1) tal-Kap 386. Jekk jirrizulta li ghandha locus standi allura mbaghad tghaddi sabiex tqis it-talbiet tar-rikorrenti fil-mertu taghhom.</u>***

**Ikkunsitrat**:

Illi din il-Qorti kienet qieset il-pendenza quddiem il-Qorti Distrettwali ta' Amsterdam bhala prova sufficjenti biex tiddetermina illi kienet tissussisti a *bona fide dispute*. Fil-fatt, il-Qorti dak in-nhar qalet illi gja la darba, il-kuntratti li a bazi taghhom is-socjeta` rikorrenti kienet talbet il-hlas minn ghand is-socjeta` intimata, kienu qed jigu kkontestati fl-essenza taghhom quddiem il-Qrati Olandizi, allura f'dak l-istadju, il-Qorti kellha toqghod lura milli tqis il-mertu tal-azzjoni rikorrenti ghaliex dehrilha illi l-mertu ta' dawk il-proceduri jikkostitwixxu *bona fide dispute*.

Din il-Qorti kienet qalet anke aktar – illi fuq dak li jirrizulta mill-proceduri fl-Olanda, mbaghad, din il-Qorti taghmel il-kostatazzjonijiet taghha biex tara jekk is-socjeta` rikorrenti setghetx tressaq din l-azzjoni odjerna. Kollox kien ghalhekk jiddependi minn jekk il-Qorti Olandiza kinitx ser tiddeciedi illi l-kuntratti relattivi humiex nulli jew le, jew ahjar u b'aktar precizjoni, jekk *(1) the 2008-Transaction is partially null and void insofar as it concerns the inflated purchase price and the reward for AGH, (2) declare that Airbus and AGH misrepresented the 2008- Transaction to Eolia, (3) order Airbus and AGH to compensate Eolia for damages and costs it incurred.* Kollox kien jiddependi minn jekk id-determinazzjoni ta' dik l-azzjoni kienx ser ifisser illi l-kuntratti de quo kienu parzjalment nulli.

Fil-fatt, irid jinghad ukoll illi dak in-nhar tal-provvediment taghha, il-Qorti kienet qalet car illi dawn il-proceduri kellhom jigu riappuntati skont l-Art. 964 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta b`effett mid-data li fiha l-proceduri gudizzjarji li fil-mori ta` din il-kawza kienu istitwiti mill-kumpannija ntimata fil-qrati tal-Olanda jghaddu in gudikat.

U dan wara illi l-Qorti kienet espressament qalet u ddikjarat illi mhijiex sejra tipprovdi dwar il-mertu tat-talbiet tar-rikorrent noe. kif dedotti, sakemm il-proceduri gudizzjarji li, fil-mori ta` din il-kawza, kienu istitwiti mill-kumpannija ntimata fil-qrati tal-Olanda jghaddu in gudikat.

Il-Qorti tqis illi kienet cara bizzejjed fil-pronunzjament taghha, illi l-*bona fide dispute* stabbilita b'dak il-provvediment kien intrinsikament marbut mal-proceduri fil-Qorti Distrettwali ta' Amsterdam u una volta dawk il-proceduri jghaddu in gudikat, allura dawn il-proceduri setghu jigu riappuntati u decizi fil-mertu.

Il-Qorti semghet b'attenzjoni dak li qal u ttratta l-abbli rikorrent noe., fis-sens illi una volta decizi l-proceduri quddiem il-Qrati Olandizi, huwa kellu kull dritt illi jitlob ir-riappuntament ta' dawn il-proceduri u jitlob anke id-determinazzjoni taghhom fil-mertu. Ma jirrizultax illi llum hemm xi proceduri legali pendenti kontra is-socjeta` rikorrenti, la f'Malta u lanqas f'ebda giurisdizzjoni ohra. Ghas-socjeta` rikorrenti dak li din il-Qorti kienet qed tistenna issa gie deciz, kien kif kien deciz, u kwindi din il-Qorti ghandha tkompli biex tiddetermina din il-pendenza fil-mertu taghha.

L-abbli difensur tas-socjeta` intimata minn naha l-ohra jsostni illi filwaqt illi huwa minnhu illi illum ma hemmx proceduri pendenti bejn il-partijiet ghajr ghal din, b'dana kollu ma jfissirx illi l-*bona fide dispute* stabbilita minn din il-Qorti fil-provvediment taghha tat-13 ta Ottubru 2020 m'ghadux hemm. Jikkontendi illi dak li ddecidiet il-Qorti Olandiza ma ddeterminatx id-*dispute* per se – u allura jibqa' l-fatt illi qabel din il-Qorti tghaddi biex tisma' l-mertu – hija ghandha tara illi dik id-disputa tigi rizolta. Fil-fatt fit-trattazjoni tieghu anke jaghmel referenza ghall-Att dwat l-Arbitraggi u l-artiklu 742(3) tal-KAP 12 u jissugerixxi illi din il-Qorti tista' anke tirreferi l-pendenza lill-Arbitragg sabiex l-imsemmija *bona fide dispute* tigi rizolta qabel ma' l-Qorti tghaddi ghad-determinazzjoni tal-vertenza odjerna.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi mill-kopja tradotta ghall-lingwa Ingliza (JAF 4) tad-decizjoni tal-Amsterdam District Court tal-15 ta' Settembru 2021, liema decizjoni tterminat b'mod definittiv il-proceduri illi din il-Qorti kienet qieset tant importanti illi ghar-ragunijiet msemmija fuq, dawn l-odjerni proceduri gew differiti *sine die*, jirrizulta:

a) Illi dik il-pendenza kienet bejn is-socjeta` intimata Eolia Limited u Airbus SE, Projic 9 S.A.S. u Avico Holdings Limited.

b) Illi fost ohrajn, is-socjeta` Eolia Limited kienet qed tfittex dikjarazzjoni giudizzjarja mill-Qorti Distrettwali ta' Amsterdam fis-sens illi jkun dikjarat parzjalment null u invalidu il-ftehim tas-sena 2008 partikolarment fejn jikkoncerna il-prezz mitlub mis-socjeta` Avinco Group Holdings Limited.

c) Illi t-talbiet ta' Eolia Limited gew michuda (claim dismissed).

Isegwi ghalhekk:

1) Illi ma jirrizultax illi s-socjeta` rikorrenti f'dawn l-proceduri kienu parti ghall-proceduri fl-Olanda u kwindi id-decizjoni tal-15 ta' Settembru 2021 ma taghmilx stat fil-konfront taghha. Il-Qorti tinnota para 4.2 tad-decizjoni tal-Qorti Distrettwali ta' Amsterdam li tghid:

   *By judgment of 20 May 2020, rendered in the motions, the Court declined jurisdiction to hear the claims brought by Eolia against AGH. In response, Eolia changed its claim. By judgment of 17 November 2020 of the Amsterdam Court of Appeal, redered between Eolia as appellant and AGH as respondent, <u>the proceedings against AGH were terminated</u>. This means that one of the principal characters of these proceedings has disappeared from the scene for good.*

2) Illi fin-nuqqas ta' akkoljiment tat-talbiet mressqa mis-socjeta` Eolia Limited, huwa giustifikat jinghad f'dan l-istadju illi l-ftehim li abbazi tieghu gie stabbilit il-prezz kif mitlub mis-socjeta` rikorrenti ghat-trasferiment tal-ismha fis-socjeta' Avinco Holding BV huwa validu, fis-sens illi ma tissusstix xi dikjarazzjoni guridika illi l-kuntratt jew parti minnhu relattiv ghall-valur tal-prezz kien null.

3) Illi s-socjeta` intimata f'dawn il-proceduri irnexxielha tohloq u tikkonvinci lill-Qorti illi kien hemm a *bona fide dispute*, liema disputa kienet soggetta ghall-proceduri fl-Olanda, u illi bis-sentenza tal-15 ta' Settembru 2021 mill-Qorti Distrettwali ta' Amsterdam, dik id-disputa partikolari u li l-Qorti kienet qieset bhala *bona fide dispute* illi kienet timmerita tigi rizolta qabel ma jkomplu dawn il-proceduri, issa giet rizolta u determinata b'mod definittiv.

Fir-rigward tal-*bona fide dispute* li irrizultat lil din il-Qorti u li wasslitha sabiex tiddiferixxi dawn il-proceduri *sine die* pendenti ir-rizoluzzjoni ta' dik id-disputa, kif fuq jinghad, id-dispusta issa giet determinata bis-sentenza tal-Qorti Distrettwali ta' Amsterdam illi ddecidiet illi l-pretensjoni illi kellha s-socjeta` intimata fir-rigward tal-ftehim tal-1 ta' Ottubru 2008, il-*Put Option Agreement*, u s-sussegwenti passi mehuda in forza tal-istess ftehim, ma kelliex mis-sewwa. Dan necessarjament iwassal lil din il-Qorti tghid illi allura ma hemm ebda dikjarazzjoni giudizzjara illi dak il-ftehim huwa in parte jew in toto *null and void*, inkluz fir-rigward tal-kalkolazzjoni tal-prezz tal-ismha, illi jistghu iwasslu biex jincidi negattivament fuq il-kreditu pretiz mis-socjeta` rikorrenti fil-konfront tas-socjeta` intimata. Alemu, hekk tqis is-sitwazzjoni llum.

F'dan il-kuntest, din il-Qorti tifhem u taqbel ma' dak li qed issostni issa s-socjeta` rikorrenti, ossia illi l-effetti tal-provvediment ta' din il-Qorti tat-13 ta' Lulju 2020, cioe`, illi dawn il-proceduri jithallew *sine die*, ghandhom jitnehhew u din il-Qorti ghandha tghaddi ghall-provvediment fil-mertu. Il-Qorti tifhem dak sottomess fis-sens illi una volta il-*bona fide dispute* bejn il-partijiet giet rizolta b'decizjoni illi ghaddiet in gudikat, u allura ma ghadiex pendenti, allura l-proceduri odjerni ghandhom issa jitkomplew.

Il-Qorti ma tikkondividix dak sottomess mis-socjeta` intimata, u allura ma taqbilx mas-socjeta` intimata illi tghid illi l-*bona fide dispute* stabbilit permezz ta' dak il-provvediment u ghar-ragunijiet ta' dak il-provvediment ghandu hemm sal-llum.

Kif fuq jinghad, il-*bona fide dispute* stabbilit minn din il-Qorti kien bbazat appuntu fuq il-proceduri li kienu pendenti quddiem il-Qrati Distrettwali ta' Amsterdam, u una volta dawk il-proceduri ntemmu, ma jistghax jinghad illi ghal din il-Qorti jibqa' l-*bona fide dispute* li kien hemm dak in-nhar.

Dan il-provvediment isib konfort anke f'dak deciz minn din il-Qorti fil-provvediment tat-13 ta' Ottubru 2020, ossia id-dicitura uzata fid-decide ta' dak il-provvediment, li fil-fehma tal-Qorti kif issa preseduta kien car bizzejjed – cioe`, illi una volta determinati dawk il-proceduri fl-Olanda, il-Qorti tiehu stampa u tghaddi biex tiddeciedi din il-vertenza –

> "*Fuq li se jirrizulta mill-process gudizzjarju pendenti quddiem il-qrati Olandizi, imbaghad il-Qorti taghmel il-konsiderazzjonijiet dwar jekk AGH ikollhiex locus standi sabiex tippromwovi l-azzjoni odjerna skont l-Art 218(1) tal-Kap 386. Jekk jirrizulta li ghandha locus standi allura mbaghad tghaddi sabiex tqis it-talbiet tar-rikorrenti fil-mertu taghhom".*

In linea anke allura ma' dak deciz diga` minn din il-Qorti fil-provvediment taghha tat-13 ta' Ottubru 2020, din il-Qorti sejra tiskarta dak sottomess mis-socjeta` intimata, cioe`, illi l-*bona fide dispute* ghadha mhux rizolta, ser tqis, anke fid-dawl illi ma jirrizultax illi hemm proceduri ohra pendenti bejn il-partijiet li jistghu jikkonvincu l-Qorti illi d-disputa ghadha fil-fatt vigenti u attiva bejn il-partijiet, illi m'ghadiex tezisiti l-*bona fide dispute* stabbilita minn din il-Qorti fil-provvediment taghha tat-13 ta' Ottubru 2020.

Dan qed jinghad ukoll peress illi quddiem din il-Qorti ma ngiebet ebda prova gdida illi tista' twassal lill-Qorti tikkonsidra illi ghad hemm *bona fide dispute*. Is-socjeta` intimata tistrieh fuq dak li kien hemm qabel – li ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija, din il-Qorti tqis issa decizi definittivament u mitmuma.

Il-Qorti tirreferi ghat-trattazzjoni maghmula mill-abbli difensur tas-socjeta` intimata, senjatament dik il-parti li tghid espressament hekk:

> *Jiena nikkonkludi biss bil-fatt illi kemm jekk wiehed jara l-proceduri li gja kienu ezistenti u anke l-iskambju ta' divergenzi bejn il-partijiet qabel ma ssoktaw dawn il-proceduri, u issa,* ***aktar u aktar*** *bil-kawza pendenti ….. Pero` nahseb illi dan il-kaz joffri element ta' bazi soda ta' bona fide dispute illi ghandu jithalla jiehu l-kors normali tieghu fil-proceduri ta l-Olanda, u l-Qorti issa trid tiddeciedi allura jekk tkun sodisfatta, u naghlaq b'din,* ***x'ser isir mill-kawza*****…….**[18]

Din il-Qorti stabbiliet il-*bona fide dispute* u ddecidiet li ddecidiet fid-diskrezzjoni taghha fit-13 ta' Lulju 2020 a bazi ta' proceduri pendenti bejn il-partijiet. Dawk il-proceduri illum, huwa pacifiku jinghad, illi huma determinati u mitmuma b'mod definittiv.

Biex jigi stabbilit il-*bona fide dispute*, kif inoltre` kien stabbilit a sodisfazzjoni tal-Qorti fil-provvediment taghha tat-13 ta' Lulju 2020, jinhtieg certament aktar milli semplici allegazzjonijiet. Jinhtieg illi d-disputa tkun reali u fattwali – u ma hemmx isbah milli jkun hemm proceduri legali pendenti bejn il-kontendenti fir-rigward biex Qorti tkun tista' thossha komda tiddikjara illi hemm il-*bona fide dispute*.

Irid jinghad illi anke b'dan wahdu pero`, ma jfissirx illi necessarjament din il-Qorti ghandha tqis illi hemm *bona fide dispute* bejn il-partijiet fil-kuntest ta' difiza ghall-proceduri ta' xoljiment u stralc. Kull kaz ghandu l-fatti speci tieghu.

Fic-cirkostanzi li ghandha quddiemha l-Qorti, is-socjeta` rikorrenti esebiet kopja finali tad-decizjoni tal-Qorti Distrettwali ta' Amsterdam, u huwa pacifiku jinghad illi b'hekk intemmet dik it-tilwima legali dwar id-disputa ta' bejniethom quddiem il-Qorti Olandiza. Minn naha taghha, is-socjeta` intimata ma gabet ebda prova ta' disputi/proceduri legali ohra pendenti, la fir-rigward tan-nullita' u lanqas fir-rigward tal-kalkolu tal-valur tal-ismha – u dan minkejja illi tikkontendi illi l-vertenza tal-Olanda ma qatetx il-kundanna fir-rigward tad-difiza minnha mressqa.

Il-Qorti f'kaz bhal dan lanqas ma thoss illi ghandha tkun hi illi tistieden parti jew ohra sabiex tinizjali proceduri legali kontra l-parti l-ohra, kemm jekk f'arbitragg kemm jekk quddiem il-Qrati – dik hija decizjoni li tispetta lill-partijiet jiehdu. Kif jinsabu l-affarijiet illum, lill-Qorti jirrizultalha illi s-socjeta` rikorrenti qed izzomm ferm mar-rikors minnha mressaq u li inizjalaw dawn il-proceduri, filwaqt illi is-socjeta` intimata lestiet proceduri quddiem Qrati Olandizi u ma ressqet xejn aktar. Fl-ahhar mill-ahhar, il-vertenza li ghandha quddiemha din il-Qorti mhix jekk il-kuntratt huwa null *in toto* jew *in parte*, imma jekk jezistux l-elementi rikjesti mill-ligi taghna biex il-Qorti tara ghandiex

[18] Fol 638

tiddikjara jekk is-socjeta` intimata ghandiex tkun xjolta u stralcjata jew le. U huwa ghalhekk illi lanqas il-provvediment tal-Artiklu 742(3) tal-KAP 12 ma huwa applikabbli.

Kif gja stqarret din il-Qorti diversament preseduta[19], f'kaz li ttratta talba ai termini tar-regolamenti 99(2)(a) u (4)(b) tal-Avviz Legali 223 tas-sena 2004), li huma dispizozzjonijiet simili jekk mhux identici ghal dawk tal-KAP 386, intqal:

> *Il-krediti realment dovuti jitqiesu fl-istadju ulterjuri mhix f'din il-procedura. Dan hu il-principju hi msejsa l-ligi Ingliza f'kaz ta' talba ghal likwidazzjoni ta' kumpanija.* ***F'Mann vs Goldstein*** *(1968 IWLR 1091) jintqal hekk:*
>
> *The incorporated hairdressing and wig business of two married couples broke down in acrimony. Goldstein and his company petitioned for winding up claiming unpaid director's fees and payment for a wig delivery, but Mann argued that Goldstein had recieved the fees through ad hoc payments and another company owed money for the wigs. Ungoed Thomas J. argued the winding up petition was not the place to decide the debt actually existed and it would be an abuse of process to continue.*
>
> *Ovvjament din il-Qorti mhix tikkonsidra l-kreditu tas-socjeta attrici bhala wiehed kanonizzat. Il-procedura ghal dan l-iskop hi diversa. Il-procedura odjerna hi immirata biss biex jinbeda l-process tal-istralc tas-socjeta konvenuta u preservazzjoni tal-assi tal-istess socjeta kemm ghal kredituri u kemm ghall-azzjonisti nfushom.*

Fil-kaz **Angel Group Limited vs British Gas Trading Limited**[20], intqal, bhala wiehed mill-principji li ghandhom iwasslu Qorti tiddertima jekk hemmx lok illi jitkomplew proceduri ta' stralc u f'dan il-kuntest, jekk hemmx *bona fide dispute* jew le, hija illi d-disputa tkun "sostanzjali"

> *A dispute will not be "substantial" if it has really no rational prospect of success: in Re A Company No.0012209 [1992] 1WLR 351 at 354B.*

Fin-nuqqas ta' prova illi jezistu xi proceduri legali bejn il-partijiet illi jistghu jitqiesu illi jikkostitwixxu a *bona fide dispute*, certament illi ma jistghax jinghad illi hemm xi disputa sostanzjali.

**Ibbazat fuq dan l-insenjament u ghar-ragunijiet kollha hawn fuq moghtija, ghalhekk din il-Qorti sejra tghaddi biex tiddikjara illi ma ghadx hemm a *bona fide dispute* bejn il-partijiet fil-vertenza odjerna u ser tghaddi ghalhekk sabiex tikkonsidra it-talbiet tar-rikorrenti fil-mertu taghhom u fil-kuntest tar-risposta mressqa.**

---

[19] 810/2016MC **Samsung C7T Deutschland and GMBH vs Geden Holdings Limited**, deciza 15.06.2017
[20] (2012) EWCH 2702 (Ch) Case 6875 of 2012 moghtija mill-High Court of Justice Chancery Division

**Ikkunsidrat Ulterjorment**:

Il-Qorti taghmel riferenza ukoll ghal **Boyle & Birds` Company Law**[21]

> *Unpaid creditors of a company may consider commencing winding-up proceedings against the company as an alternative to suing for payment. As a debt collection mechanism, winding up proceedings may be swifter and, for the individual creditor, less expensive than a claim that may come to trial for some time; on the other hand, winding up is a collective procedure for the benefit of creditors generally and it does not benefit specific creditors individually (F. Oditah "Winding Up Recalcitrant Debtors" 1995 LMCLQ 107) …*

Illi huwa ghalhekk pacifiku jinghad illi s-socjeta` rikorrenti ma kellha ebda obbligu tressaq proceduri legali ghall-hlas minnha pretiz, u setghet tghaddi ghal dawn l-odjerni proceduri. Kif fil-fatt issostni is-socjeta` rikorrenti, u dan jidher inkontestat, illi il-kreditu pretiz ma ghandux ghalfejn ikun kanonnizzat biex tirnexxi azzjoni bhal din.

Il-Qorti tqis ukoll illi proceduri ta' stralc ta' kumpannija huwa rimedju ta' natura eccezzjonali u ghandha titqies b'kawtela kbira mill-Qorti. Tqis illi l-procedura odjerna hi immirata biss biex jinbeda l-process tal-istralc tas-socjeta intimata u l-preservazzjoni tal-assi tal-istess socjeta` kemm ghal kredituri u kemm ghall-azzjonisti nfushom.

Il-Qorti tqis illi quddiemha illum hemm sitwazzjoni ta' talba ghax-xoljiment u l-istralc ta' kumpannija bl-isem ta' Eolia Limited (C-31748) u dan, kif gja stabbilit, peress illi ai termini tal-artikolu 214(2)(a)(ii) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta, is-socjeta` rikorrenti tikkontendi illi din il-kumpannija ma tistax thallas id-djun taghha, meta jitqies ukoll il-passiv kontingenti u prospettiv tal-kumpannija.

Il-Qorti tibda' biex tirreferi ghad-digriet taghha tat-13 ta' Lulju 2020 u tirrileva illi dak in-nhar il-Qorti stqarret:

> *Anke jekk AGH qeghda tikkontendi li Eolia mhijiex f`qaghda li thallas id-dejn taghha abbazi tal-Art. 214(5)(b) tal-Kap. 386, xorta wahda trid taghmel prova sal-grad rikjest mil-ligi li hija kreditur ta` Eolia*

**L-Artiklu 214(2)(a)(ii) tal-KAP 386** ighid:

> *Barra mill-mod ta' xoljiment imsemmija fis-subartikolu (1) -*
> *(a) kumpanija tista' xxolji u tkun stralċjata mill-qorti fiċ-ċirkostanzi li ġejjin -*
> *(i) jekk in-negozju tal-kumpanija jkun sospiż għal perjodu bla waqfien ta' erbgħa u għoxrin xahar;*

[21] 8th Edition – 2011, Pg 913-914

*(ii)* ***il-kumpanija ma tkunx tista' tħallas id-djun tagħha****;*

**L-Artikolu 214(5)(b) tal-KAP 386** ighid:

*(5) Għall-finijiet tas-subartikolu (2)(a)(ii), kumpanija titqies li ma tkunx tista' tħallas id-djun tagħha –*

*(a) jekk id-dejn dovut mill-kumpanija jkun baqa' ma tħallasx għal kollox jew f'parti wara erbgħa u għoxrin ġimgħa mill-eżekuzzjoni ta' titolu eżekuttiv kontra l-kumpanija b'xi wieħed mill-atti eżekuttivi msemmijin fl-artikolu 273 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili; jew*
*(b)* ***jekk ikun ippruvat għas-sodisfazzjon tal-qorti li l-kumpanija ma tkunx tista' tħallas id-djun tagħha, meta din tqis ukoll il-passiv kontinġenti u prospettiv tal-kumpanija.***

Fil-kaz **Tarros Spa vs Valletta Freight Services Limited**[22], il-Qorti qalet hekk:

*Fil-ligi taghna, li kumpannija ma tkunx tista` thallas id-djun taghha ghandu sinjifikat* ***preciz u definit*** *mil-ligi stess. Infatti fl-Art 214(5) il-ligi tistabilixxi liema huma c-cirkostanzi fejn kumpannija titqies li ma tkunx tista` thallas id-djun taghha ghall-finijiet tal-Art 214(2)(a)(ii). Ghalhekk l-Art 214(2)(a)(ii) ma jistax jinqara minghajr ma ssir riferenza ghall-Art 214(5).*

Kif gieli kellha opportunita tesprima ruha din il-Qorti[23], fl-Insolvency Act Ingliza tas-sena 1986, insibu disposizzjoni li tixbah dik tal-ligi taghna, ghalkemm mhijiex l-istess.

*L-**Art 123(2)** tal-Insolvency Act 1986, li ighid "A company is also deemed unable to pay its debts if it is proved to the satisfaction of the court that the value of the company's assets is less than the amount of its liabilities, taking into account its contingent and prospective liabilities". Mela filwaqt illi fil-ligi taghna, il-mizura hija semplici : the company is unable to pay its debts account being taken also of contingent and prospective liabilities of the company, fil-ligi Ingliza, il-kriterju huwa divers ghaliex il-qorti tkun trid tqis illi the value of the company`s assets is less than the amount of its liabilities ... billi tiehu kont ta` ... contingent and prospective liabilities.*

Din il-Qorti qed taghmel taghha dak spjegat u dikjarat fis-sentenza hawn fuq citata, meta ntqal:

*Il-Qorti tqis li d-differenza bejn iz-zewg legislazzjonijiet mhijiex ta` drafting izda ta` sostanza.*

*Premessa d-distinzjoni bejn iz-zewg legislazzjonijiet, il-Qorti sejra tirreferi ghad-dottrina Ingliza dwar kif din ittrattat il-koncett ta` contingent u dak ta` prospective liabilities.*

*Il-Qorti sejra tirreferi ghal dak li d-dottrina Ingliza tirreferi ghalih bhala balance sheet insolvency fl-ambitu tal-Art 123(2) tal-Insolvency Act 1986.*

---
[22] 1067/2013JZM deciza 29.09.2016
[23] 616/2017JZM deciza 31.01.2019

*Fil-Pagna 19 tal-ktieb Insolvency Law – Corporate and Personal (op. cit.) jinghad hekk dwar balance sheet insolvency:*

*In determining whether the assets are outweighed by the liabilities a court is able to take into account contingent and prospective liabilities, but not contingent and prospective assets [Byblos Bank SAL v. Al-Khudhairy (1986) 2 BCC99, 549 (CA)]. It has been said that "liabilities" is a broaded term compared with "debts" [Re A debtor (No 17 of 1966) (1967) Ch 590; (1967) 1 All ER 668]. "Liabilities" is defined for the purposes of winding up in rule 13.12(4) to mean "a liability to pay money or money`s worth, including any liability under an enactment, any liability for breach of trust, any liability in contract, tort or bailment and any liability arising out of an obligation ta make restitution". Then rule 13.12 (3) states that it is immaterial whether the liability is present or future, whether it is certain or contingent, or whether its amount is fixed or liquidated, or is capable of being acertained by fixed rules or as a matter of opinion.*

*Clearly with this test it is only possible to take into account the assets owned by the company including the uncalled capital of the company [Re National Livestock Insurance Co (1858) 26 Beav 153; 53 ER 855 ...*

*Fil-Pag 114 tar-Raba` Edizzjoni (2011) ta`* ***Principles of Corporate Insolvency Law*** *(Sweet & Maxwell)* ***Roy Goode*** *ighid hekk –*

> *The idea underlying this test … is that it is not sufficient for the company to be able to meet its current obligations if its total liabilities can ultimately be met only by the realisation of its assets and these are insufficient for the purpose …*

*Fil-Pag 130 ikompli hekk –*

> *The mere excess of liabilities over assets is not in itself determinative. What has to be shown is that by reason of the deficiency of its assets the company has reached the point of no return.*

*Fil-Pag 134 sa 136, l-awtur jittratta n-nozzjoni ta`* ***<u>contingent liability</u>*** *u jghid hekk –*

*To give the phrase "contingent liability" any meaning we must restrict it to a liability or other loss which arises out of an existing legal obligation or state of affairs but which is dependent on the happening of an event which may or may not occur. Many of the cases have stressed the need for the liability to arise out of an existing obligation.*

*… in considering whether there is a contingent liability the court has regard to the existing commercial situation, not merely an existing legal obligation. In this regard, assistance can be derived from Financial Reporting Standard 12 which defines a contingent liability in the following terms:*

*(a) "A possible obligation that arises from past events and whose existence will be confirmed only by the occurrence or non-occurrence of one or more uncertain future events not wholly within the entity`s control; or*

*(b) a present obligation that arises from past events but is not recognised because:*

*(i) it is not probable that a transfer of economic benefits will be required to settle the obligation; or*

*(ii) the amount of the obligation cannot be measured with sufficient reliability."*

*… the term "contingent liabilities" is ultimately not a term of art and its precise meaning will depend on its context. The court is thus entitled to have regard to commercial realities …*

*Fil-Pag 136 u 137, l-awtur jittratta n-nozzjoni ta`* ***prospective liability*** *u jghid hekk –*

*… The phrase "prospective liability" is neither a legal nor an accounting term of art. It has been judicially defined as:*

*" … a debt which will certainly become due in the future, either on some date which has already been determined or some date determinable by reference to future events."*

*… it has been described … as unmatured liability which will inevitably ripen into a debt with the passage of time. Such a definition encompasses all forms of debitum in praesenti, solvendum in futuro including an indisputable claim for unliquidated damages which remains only to be quantified and will result in a debt far more than a nominal amount.*

*"Prospective liability" thus embraces both future debts, the sense of liquidated sums due, and unliquidated claims.*

**Il-Qorti sejra tirreferi wkoll ghal gurisprudenza tal-qrati Inglizi kif tghodd kemm ghall-*cash flow test* kif ukoll ghall-*balance sheet test.***

Tibda billi tirreferi ghad-decizjoni li tat il-Court of Appeal fil-kaz ta` **Byblos Bank SAL v. Al-Khudhairy** [1987] fejn *inter alia* nghad illi:

*"If a debt presently payable is not paid because of lack of means, that will normally be sufficient to prove that the company is unable to pay its debts. That will be so even if, on an assessment of all the assets and liabilities of the company, there is a surplus of assets over liabilities. That is trite law."*

Maghmulin taghha dawn l-insenjamenti u l-principji legali illi ghandhom jghinu lil din il-Qorti tasal ghad-decizjoni taghha, il-Qorti sejra tghaddi sabiex tqis jekk humiex sodisfatti ir-rekwiziti tal-Art 214(5)(b) tal-Kap 386 tenut kont tal-fatti li jirrizultaw fil-kaz odjern.

**Ikkunsidrat Ulterjorment**:

Illi fil-kaz in ezami, in segwitu ghall-ftehim iffirmat bejn il-kontendenti fis-sena 2008, is-socjeta` rikorrenti harget il-*Put Option Exercise Notice* fit-30 ta' Gunju 2017 u ftit gimghat wara, appuntu fid-19 ta' Settembru 2017, hija harget il-*Purchase Price Calculation Notice* fl-ammont ta' l-fuq minn tlettax il-miljun u seba' mitt elf Euro.

Is-somma preciza ta' EUR13,756,154.97 jirrizulta illi huwa l-prezz mahdum ghal 33,078 sehem ordinarju fis-socjeta`intimata Eolia mizmuma mis-socjeta` rikorrenti. Kif indikat fl-istess notice, il-prezz "*is composed of the ampunts invested by AGH of EUR 7 million and the accumulated unpaid dividend of EUR6,756,154.97 computed in accordance with the attached Appendix and article 2 of the attached profit sharing agreement dated October 1, 2008 and Annex thereto, representing a total of EUR13,756,154.97 (the Puschase Price)*".

Illi una volta dan il-prezz baqa' ma thallasx, allura fl-20 ta' Ottubru 2017 inharget in-*notice of default* li pprefiggiet sal-ahhar ta' Ottubru 2017 sabiex isir il-hlas mitlub.

Filwaqt illi l-updates, anke jekk mhux kompluti, tad-dokumentazzjoni relattiva illi trid tigi annwalment sottomessa lir-Regolatur tal-Kumpanniji f'Malta, ma sarux fiz-zmien, b'dana kollu mir-Rapport Annwali u l-financial statements esebiti ma jirrizultax lil din il-Qorti illi l-kumpannija Eolia Limited ghandha fondi bizzejjed sabiex thallas dak minnha mitlub.

Fil-fatt, *in all fairness* mal-istess socjeta` intimata, hija tiddikjara fir-riposta taghha (para 10) illi *Eolia necessarjament tirrikjedi kapital sinifikanti tant illi jkollha tikseb finanzjament*, u dan biex jigi skattat il-*Put Option Agreement*. Tkompli tiddikjara illi ebda kumpannija ma jkollha l-ammont mitlub f'rizerva kapitali.

**Ikkunsidrat Ultejrorment**:

Illi s-sitwazzjoni finanzjarja xejn felici tal-kumpannija intimata tirrizulta ukoll minn dak li xehed **Ian Whitehall**, Avukat Ingliz, strumentali fit-twaqqif u l-bidu tas-socjeta` intimata. Huwa ighid fost ohrajn illi Eolia mhux tiggenera qligh bizzejjed u li minhabba proceduri legali li kellha tiddefendi, hija nefqet hafna flus. Jghid ukoll illi minhabba l-qaghda finanzjarja prekarja taghha, kellha addirittura tingagga ditta ta' awdituri izghar sabiex tikkontrolla l-ispejjes taghha. Irid b'dana kollu jinghad illi bhala direttur, dan ix-xhud, fuq domanda specifika tal-Qorti, ighid illi ma jahsibx illi jezistu l-estremi ghax-xoljiment tal-kumpannija.

Illi mill-provi prodotti u kif ukoll mill-financial statements prodotti u esebiti, ma jidhirx u ma jirrizultax illi l-kumpannija itimata ghandha l-assi jew il-likwidita' biex thallas il-kreditu (anke jekk mhux kanonizzat) pretiz mis-socjeta` rikorrenti.

Il-Financial Statements for year end 2014 issir referenza ghall-fatt illi kien hemm "*the existance of a material uncertainty that may cast significant doubt about the group ability to continue as a gpoing concern*". Fil-Financial Statements for year end 2016 (sena 2015 baqghu qatt ma gew pprezentati) – b'referenza ghall-istess materja, issir referenza ghall-*ongoing negotiations with the lender following a call-in of the loan*. Huwa inkwetanti dak li jirrizulta minn DOK AGH 18 (fol 255) – ossia illi minkejja dak dikjarat fil-Financial Statements, il-lender (Airbus) "*is not aware of such negotiations*".

Kif esprimiet is-socjeta` intimata fit-trattazzjoni taghha (fol 637), "*…... jekk wiehed jgharbel il-fatti kif inhuma, jekk ahna ghandna ragun li l-mec price mechanism kif skattat fil-put option notice u l-price notice li nghatat mhux kif qed ighidu huma l-prezz jinzel drastikament u ahna solvent. Dik il-kwisjtoni kollha*". Il-Qorti tifhem illi a kontrarju sensu ghalhekk, f'kaz illi l-ammont ta' kreditu reklamat ghandu mis-sewwa, u sal-llum, anke jekk mhux kanonizzat, m'hemm xejn in atti illi ghandu jwassal lil din il-Qorti tikkonkludi mod iehor, allura il-kumpannija intimata tigi insolventi.

Filwaqt illi ma jirrizultax illi kompliet jew istitwiet xi procedura gdida sabiex tikkontesta l-pretensjoni tas-socjeta` rikorrenti, is-socjeta` intimata Eolia Limited lanqas ma tat ebda konfort ta' hlas jekk tigi hekk kostretta taghmel.

Ghalhekk, wara li fliet bir-reqqa il-provi kollha mressqa u l-atti kollha, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li kellha taghmel il-Qorti fil-kuntest tar-rikors promotur u r-risposta u l-provvedimenti tal-ligi applikabbli kif hawn fuq ikkunsidrat u l-provi mressqa, il-Qorti hija tal-fehma li abbazi tal-Art 214(5)(b) tal-Kap 386 it-talba rikorrenti ghandha tintlaqa' u b'hekk il-Qorti sejra tghaddi ghax-xoljiment u ghall-istralc ta` Eolia Limited.

**GHALDAQSTANT,** ghar-ragunijiet u l-kunsiderazzjonijiet kollha hawn fuq maghmula, il-Qorti qeghda, filwaqt illi **tiddikjara illi <u>ma ghadx</u> hemm a *bona fide dispute* bejn il-partijiet fil-vertenza odjerna,** qed tghaddi sabiex, filwaqt illi **tichad l-eccezzjonijiet** kollha tas-socjeta` intimata, rimanenti wara l-provvediment taghha tat-13 ta' Lulju 2020:

a) **Tilqa' l-ewwel talba** u tiddikjara illi l-kumpannija intimata **Eolia Limited (C-31748)** ghandha tigi xjolta ai termini tal-Artiklu 214(2)(a)(ii), tal-Art 214(5)(b) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta.

b) **Tilqa' t-tieni talba** u tordna l-istralc tas-socjeta` **Eolia Limited (C-31748)** skond id-dipozizzjonijiet tas-Sub-Titolu I tat-Titolu II tat-Taqsima V tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta.

c) **Tastejni** milli tiehu konjizzjoni **tat-tielet talba** in vista tar-riferta tat-3 ta' Ottubru 2008 (a tergo fol 53).

d) **Riferibbilment ghar-raba` talba**, u in segwitu ghall-paragrafi (a) u (b) ta' din id-decide, **tahtar** lir-Ricevitur Ufficjali bhala stralcjarju tal-kumpannija intimata **Eolia Limited (C-31748)** bis-setghat u bid-dmirijiet li huma previsti u stabbiliti fil-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta, b`dan illi l-istralcjarju ghandu:

    I. jikseb dikjarazzjoni dwar il-qaghda tas-socjeta` intimata hawnekk xjolta, kif irid l-artiklu 226 tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta;

    II. jaghmel verfika tal-assi u d-djun tal-kumpannija xjolta, u jekk ikun il-kaz, jaghmel il-gradwazzjoni tad-djun;

    III. jiehu, b'mod immedjat, taht il-kontroll tieghu il-kustodja u l-kontroll tal-assi tal-intimata ai termini tal-artiklu 237 tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta,

IV. jaghmel jew jiddefendi kull azzjoni jew procediment legali iehor f'isem u fl-interess tas-socjeta` xjolta;

V. jipprezenta rapport tal-hidma tieghu sal-udjenza li jmiss ai termini tal-artiklu 227 tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta.

e) **Tordna** lir-Registratur tal-Qorti jibghat kopja ta' din id-decizjoni lill-Malta Business Bureau u lir-Ricevitur Ufficjali b'mod immedjat.

**Spejjes ta' dawn il-proceduri** ikunu a karigu tas-socjeta` intimata Eolia Limited filwaqt illi ai termini tal-Art 236(2) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta, is-socjeta` rikorrenti Avinco Group Holdings N.V. u s-socjeta` intimata Eolia Limited ghandhom *in solidum* bejniethom ihallsu **l-ispejjez kollha ta` l-istralc, inkluzi d-drittijiet u l-ispejjez tal-istralcjarju.**

FINALMENT, il-Qorti mhux ser thalli inosservat dak li jirrizulta mir-rapport **DOK AGH 17** (a fol 215 tal-process), ossia l-allegazzjoni serja illi :

> *This report details how Airbus' subsidiary, Projic 9 SAS, other Airbus entities and Airbus' special purpose vehicles (Eolia and Avinco)* ***have been used to allegedely facilitate Money Laundering, Bribery and Corruption Activities***[24]*. The issue was detected with the appointment of new directors for Avinco Group Holdings N.V. in early 2016.*

Ghalkemm jidher illi certu allegazzjonijiet kienu gja fid-dominju pubbliku permezz ta' rapport li deher fil-gurnal Ingliz "*The Guardian*" tat-18 ta' Settembru 2017, **DOK AGH 16** (a fol 213 tal-process), ghal ragunijiet ovvji ma jkunx maghruf jekk dawn l-allegazzjonijiet ingibux ghall-attenzjoni tal-awtoritajiet lokali kompetenti jew le.

**Il-Qorti ser taghmel dak illi legalment u fil-kuxjenza taghha thoss illi huwa doveruz illi taghmel.**

**Il-Qorti tiehu allegazzjonijiet bhal dawn b'serjeta' kbira u filwaqt illi mhux ser tidhol fil-mertu u b'ebda mod mhu qed tesprima ruha, pero` u partikolarment in kwantu u safejn jista' jikkoncerna il-gurisdizzjoni Maltija, il-Qorti qed tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex (i) kopja ta' din is-sentenza, (ii) kopja tar-rapport DOK AGH 17 u (iii) kopja tal-gurnal "The Guardian" DOK AGH 16, jintbghatu**
**(a) lill-Kumissarju tal-Pulizija u**
**(b) lill-Financial Analysis Intellegance Unit (FIAU)**
**ghall-ahjar attenzjoni u indagni taghhom, u tawtorizza minn issa, ghal kull buon fini, liz-zewg entitajiet, jiehdu konjizzjoni jew kopji tal-atti kollha ta' dan il-procediment jew parti minnhom kif huma jista' jkun jidhrilhom xieraq.**

Thalli l-istralc ghar-rapport preliminari tal-istralcarju.

| | |
|---|---|
| **Onor. Ian Spiteri Bailey** | **Marisa Bugeja** |
| **Imhallef** | **Deputat Registratur** |

[24] Emfasi tal-Qorti